MT 2020

12

Rapport Speċjali

Iċ-Ċentru Ewropew ta’ Konsulenza għall-Investimenti: Tnieda biex jagħti spinta lill-investiment fl-UE, iżda l-impatt tiegħu għadu limitat

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	I-IX
Introduzzjoni	01-08
Ambitu u approċċ tal-awditjar	09-12
Osservazzjonijiet	13-59
Iċ-Ċentru ġie stabbilit bħala għodda "xprunata mid-domanda", iżda l-valutazzjoni minn qabel kienet limitata	13-23
Il-valutazzjoni li saret qabel ma ġie stabbilit iċ-Ċentru kienet limitata	14-18
Sa tmiem l-2018, iċ-Ċentru kien irċieva ftit talbiet li setgħu jwasslu għal assenjazzjonijiet meta mqabbla mar-riżorsi disponibbli	19-23
Iċ-Ċentru pprovda servizzi ta' konsulenza li ssodisfaw ħafna lill-benefiċjarji, iżda mhux b'mod immirat	24-50
Il-benefiċjarji kienu ferm sodisfatti bil-konsulenza mfassla apposta li rċevew	25-27
Iċ-Ċentru ma kellux strateġija u proċeduri ċari għall-immirar tal-appoġġ	28-32
L-assenjazzjonijiet kienu jkopru setturi u Stati Membri prijoritarji, iżda kien jinħtieġ approċċ aktar proattiv biex jiġu mmirati aħjar il-ħtiġijiet ta' konsulenza mhux issodisfati	33-40
Minkejja l-isforzi taċ-Ċentru, il-kooperazzjoni mal-NPBIs bil-għan li titjieb il-kopertura ġeografika żviluppat bil-mod	41-50
Evidenza limitata li turi li ċ-Ċentru għamel kontribut sinifikanti biex jiżdied il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment	51-59
Segwitu insuffiċjenti għall-investimenti li rriżultaw mill-assenjazzjonijiet taċ-Ċentru	52-55
Ftit assenjazzjonijiet taċ-Ċentru kienu ġew ikkompletati sa tmiem l-2018	56-59
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	60-64

Annessi

Anness I – Inizjattivi ta' Assistenza Teknika tal-UE mmaniġġjati b'mod ċentrali taħt il-QFP attwali

Anness II – Metodoloġija tal-awditjar

Anness III – Memoranda ta' Qbil li ġew iffirmati bejn il-BEI u l-NPBIs (2015 sa 2018)

Anness IV – Qafas ta' prestazzjoni taċ-Ċentru

Anness V – Analiżi mwettqa mill-QEA tal-indikaturi tal-monitoraġġ tal-output u tar-riżultati taċ-Ċentru

Anness VI Talbiet li ntbagħtu liċ-Ċentru u li huma relatati ma' operazzjonijiet li ġew approvati jew iffirmati mill-BEI/taħt il-FEIS

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni u tal-BEI

Tim tal-awditjar

Kronoloġija

Sommarju eżekuttiv

I Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti ġie stabbilit fl-2015, flimkien mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa li huwa maħsub biex jagħti spinta lill-investiment b'segwitu għall-kriżi ekonomika. Ir-rwol taċ-Ċentru huwa li jappoġġa l-investiment fl-ekonomija reali billi jipprovdi servizzi ta' konsulenza lill-promoturi ta' proġetti flimkien ma' dawk li huma diġà disponibbli taħt programmi oħra tal-UE. Iċ-Ċentru jopera bħala sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment, u jaħdem f'kooperazzjoni ma' banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali kif ukoll mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

II L-objettiv tal-awditu tagħna kien li jiġi vvalutat jekk iċ-Ċentru kienx ta prova li huwa għodda effettiva biex tingħata spinta lill-investiment. B'mod partikolari, aħna eżaminajna jekk iċ-Ċentru kienx:

1. ġie stabbilit b'mod xieraq biex jissodisfa l-ħtieġa għal servizzi ta' konsulenza addizzjonali għal dawk li kienu diġà disponibbli minn sorsi oħra tal-UE;

2. jopera kif intenzjonat biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni mas-sħab; u

3. ikkontribwixxa biex isir titjib fil-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment.

III L-awditu tagħna kopra l-attività taċ-Ċentru mit-tnedija tiegħu fl-2015 sa Diċembru 2018. Aħna rrieżaminajna d-dokumenti taċ-Ċentru, intervistajna s-servizzi rilevanti tal-BEI u tal-Kummissjoni, analizzajna d-*data* dwar il-ġestjoni taċ-Ċentru, irrieżaminajna kampjun tal-assenjazzjonijiet taċ-Ċentru relatati mal-appoġġ ta' konsulenza, u wettaqna stħarriġiet tal-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali li jikkooperaw maċ-Ċentru u tal-benefiċjarji finali tas-servizzi ta' konsulenza li jingħataw appoġġ miċ-Ċentru.

IV F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet il-Programm InvestEU għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, inkluż Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU biex jissostitwixxi ċ-Ċentru eżistenti u għadd ta' inizjattivi oħra ta' konsulenza tal-UE li huma mmaniġġjati b'mod ċentrali. Ir-rapport tagħna jipprovdi analiżi u rakkomandazzjonijiet li huma ta' rilevanza għaċ-ċentru ġdid ippjanat.

V Aħna nikkonkludu li, sa tmiem l-2018, iċ-Ċentru kien għadu ma tax prova li huwa għodda effettiva biex tingħata spinta lill-investiment. Aħna sibna li ċ-Ċentru ġie stabbilit bħala għodda "xprunata mid-domanda", u b'valutazzjoni minn qabel limitata tal-ħtiġijiet ta' konsulenza li huwa jkun jindirizza, kif ukoll tal-livell ta' domanda li x'aktarx kellu jirċievi, jew tal-ammont ta' riżorsi li jkun jeħtieġ. F'dan il-każ, iċ-Ċentru kien irċieva ftit talbiet li setgħu wasslu għal assenjazzjonijiet meta mqabbla mar-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu.

VI Aħna sibna wkoll li, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, iċ-Ċentru laħaq l-għan li jipprovdi servizzi ta' konsulenza mfassla apposta li ssodisfaw ħafna lill-benefiċjarji. Madankollu, iċ-Ċentru la kellu strateġija ċara biżżejjed u lanqas ma stabbilixxa l-kriterji u l-proċeduri biex l-appoġġ jiġi mmirat fejn potenzjalment jista' jipprovdi l-aktar valur miżjud għall-forniment ta' proġetti ta' investiment, minkejja li huwa rreġistra l-biċċa l-kbira mill-informazzjoni meħtieġa biex jagħmel dan. Aħna sibna li xi benefiċjarji esprimew dubji dwar l-addizzjonalità tal-appoġġ taċ-Ċentru fir-rigward ta' sorsi oħra ta' konsulenza, u ftit aktar minn 1 % tal-operazzjonijiet finanzjarji appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi matul il-perjodu kienu bbenefikaw minn assenjazzjoni taċ-Ċentru. Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet kienu f'setturi u fi Stati Membri bi prijorità għolja, ftit kienu dawk li huma relatati mas-setturi prijoritarji għall-Istati Membri bl-ogħla ħtiġijiet ta' konsulenza. Għaldaqstant, kien jinħtieġ approċċ aktar proattiv biex jiġu mmirati aħjar il-ħtiġijiet ta' konsulenza kumplessivi mhux issodisfati. Barra minn hekk, minkejja l-isforzi taċ-Ċentru, il-kooperazzjoni mas-sħab bil-għan li titjieb il-kopertura ġeografika żviluppat bil-mod minħabba kumplessità legali kif ukoll ir-rieda u l-kapaċità differenti tal-banek promozzjonali nazzjonali biex jikkooperaw.

VII Fl-aħħar nett, aħna sibna evidenza limitata li ċ-Ċentru kien għamel kontribut sinifikanti għall-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment sa tmiem l-2018. Iċ-Ċentru ma kellux proċeduri suffiċjenti biex jagħti segwitu għall-investimenti li rriżultaw mill-assenjazzjonijiet taċ-Ċentru matul il-perjodu, u dan għamilha diffiċli li tiġi mmonitorjata u evalwata l-prestazzjoni taċ-Ċentru f'dan ir-rigward. L-ammont ta' assenjazzjonijiet li ċ-Ċentru kien ikkompleta sa tmiem l-2018 kien ukoll ftit wisq biex ikollu kontribut sinifikanti sabiex tingħata spinta lill-investiment. Barra minn hekk, billi l-appoġġ taċ-Ċentru kien fil-biċċa l-kbira relatat ma' proġetti fi stadju bikri, huwa jista' jkollu biss effetti fuq terminu itwal.

VIII Abbażi tal-osservazzjonijiet tagħna, aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet biex:

- tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru;
- l-appoġġ taċ-Ċentru jiġi mmirat aħjar lejn il-prijoritajiet;
- isir titjib fil-kejl tal-prestazzjoni.

IX Fl-aħħar nett, aħna nirrakkomandaw li t-tagħlimiet li ttieħdu miċ-Ċentru jiġu inkorporati fiċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU taħt il-Programm InvestEU għall-perjodu 2021-2027.

Introduzzjoni

01 F'Novembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) nedew il-**Pjan ta' Investiment għall-Ewropa** (IPE)[1] b'rispons għat-tnaqqis fl-investiment fl-Ewropa wara l-bidu tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-2008. L-IPE kien magħmul minn tliet "pilastri":

- il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)[2], li jipprovdi finanzjament għall-investimenti bl-appoġġ ta' garanzija baġitarja tal-UE;
- iċ-**Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti** (iċ-Ċentru), li jipprovdi assistenza teknika kemm lill-promoturi privati ta' proġetti kif ukoll lil dawk pubbliċi, u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI) - pjattaforma online li tgħin lill-promoturi ta' proġetti bbażati fl-UE biex isibu investituri;
- miżuri biex jitneħħew l-ostakli għall-investiment fl-Ewropa kollha u jittejbu l-kundizzjonijiet ta' investiment fl-Ewropa.

02 It-tieni pilastru tal-IPE kien maħsub biex jiżgura li l-finanzjament tal-investiment jilħaq l-ekonomija reali billi jippromwovi u jiżviluppa l-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment. Fl-2015, l-UE ppubblikat regolament li jistabbilixxi l-FEIS, iċ-Ċentru u l-PEPI[3]. Dan ir-regolament iddeskriva l-objettiv taċ-Ċentru li jibni fuq is-servizzi ta' konsulenza eżistenti tal-BEI u tal-Kummissjoni sabiex "jipprovdi appoġġ ta' konsulenza għall-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment u biex jaġixxi bħala ċentru uniku ta' konsulenza teknika għall-finanzjament ta' proġetti fl-Unjoni". Iċ-Ċentru kien maħsub biex jipprovdi appoġġ għall-prijoritajiet ta' politika tal-FEIS, inklużi l-enerġija, l-infrastruttura tat-trasport, l-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi, kif ukoll għall-SMEs, u biex jassisti lill-promoturi ta' proġetti, fejn ikun xieraq, biex jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-użu tal-garanzija tal-UE taħt il-FEIS[4]. Ir-Regolament dwar il-FEIS ippreveda wkoll li ċ-Ċentru jikkoopera ma' servizzi simili fil-livell tal-UE, nazzjonali,

---

[1] COM(2014) 903 FINAL, Brussell, is-26 ta' Novembru 2014.

[2] Fl-2019, il-QEA ppubblikat Rapport Speċjali "Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex il-FEIS ikun suċċess totali".

[3] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 34).

[4] L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEIS.

reġjonali u lokali biex jiżgura kopertura wiesgħa, kondiviżjoni tal-għarfien u tħejjija tal-proġetti.

03 Fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020, l-UE kienet diġà qed tipprovdi appoġġ ta' konsulenza taħt firxa wiesgħa ta' inizjattivi. L-inizjattivi eżistenti ta' konsulenza għall-investimenti kienu jvarjaw minn waħda għal oħra f'termini ta' settur ta' politika, ammont, fornitur tal-assistenza, u t-tariffi għall-benefiċjarji. B'mod ġenerali, dawn l-inizjattivi ġew ibbaġitjati biex kull sena jipprovdu appoġġ ta' konsulenza li jammonta għal madwar EUR 100 miljun (ara l-***Anness I*** għad-dettalji), jiġifieri EUR 700 miljun matul is-seba' snin tal-QFP 2014-2020. Iċ-Ċentru ġie stabbilit f'nofs l-2015 biex jipprovdi servizzi ta' konsulenza flimkien ma' dawk li huma diġà disponibbli[5].

04 Iċ-Ċentru jopera bħala **sħubija bejn il-Kummissjoni u l-BEI**. L-arranġamenti taċ-Ċentru huma stipulati fi Ftehim Qafas ta' Sħubija (FPA) li ġie ffirmat taħt il-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) eżistenti tal-2014 bejn l-UE u l-BEI. Wara l-Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS) u l-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA), iċ-Ċentru huwa t-tielet l-akbar sors ta' assistenza teknika tal-UE li jipprovdi servizzi ta' konsulenza. Il-baġit tal-UE jkopri 75 % tal-baġit annwali taċ-Ċentru, jiġifieri sa EUR 20 miljun, filwaqt li l-BEI jkopri l-25 % li jifdal, jiġifieri sa EUR 6.6 miljun. Il-baġit u l-programmi ta' ħidma (AWP) taċ-Ċentru jiġu stabbiliti fi Ftehimiet Speċifiċi ta' Għotja (SGA) annwali, li normalment jiġu implimentati matul perjodu ta' minn tlieta sa erba' snin. Iċ-Ċentru huwa mmexxi minn Kumitat ta' Koordinazzjoni ta' erba' persuni, magħmul minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni u tnejn oħra mill-BEI. Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandu r-responsabbiltà li jirrieżamina l-istrateġija u l-politika, jissorvelja l-attivitajiet taċ-Ċentru, jirrapporta lill-partijiet ikkonċernati, jiddetermina s-servizzi, u japprova l-politika tal-ipprezzar. Tim magħmul minn persunal tal-BEI iwettaq l-operat ta' kuljum taċ-Ċentru. Kull sena, il-BEI jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet u l-baġit taċ-Ċentru.

05 Iċ-Ċentru jimmaniġġja **talbiet għal servizzi ta' konsulenza** (il-***Figura 1***). Iċ-Ċentru jirċievi talbiet għal konsulenza jew direttament permezz tas-sit web proprju tiegħu jew inkella minn "sorsi esperti", jiġifieri s-servizzi tal-BEI, il-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali (NPBIs) jew il-Kummissjoni. It-tim ta' appoġġ taċ-Ċentru jirreġistra t-talbiet u jiddetermina r-rispons li għandu jingħata ("skrinjar"). Iċ-Ċentru jista' jitlob informazzjoni addizzjonali, jirreferi mistoqsijiet lill-fornitur l-aktar rilevanti tas-servizzi tal-UE, tal-BEI jew lokali ("sinjalazzjoni"), jagħmel arranġamenti għal

[5] L-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar il-FEIS.

rispons aktar elaborat għall-mistoqsijiet li jinvolvu xi kontribut mis-servizzi tal-BEI ("konsulenza simplifikata"), jew jalloka riżorsi taċ-Ċentru u jagħmel arranġamenti biex is-servizzi tal-BEI jew il-konsulenti esterni jipprovdu konsulenza ("assenjazzjoni"). L-assenjazzjonijiet jistgħu jkunu relatati ma' proġett jew ma' gruppi ta' proġetti ta' investiment speċifiċi ("speċifiċi għall-proġett"), jew jikkontribwixxu b'mod aktar ġenerali għall-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment ("mhux speċifiċi għall-proġett"). Iċ-Ċentru jfittex ukoll li jikkoopera mal-NPBIs biex jattira talbiet għal appoġġ u jwassal servizzi ta' konsulenza fil-livell lokali. Barra minn hekk, iċ-Ċentru jipprovdi appoġġ għall-Programm ta' Konsulenza għan-Negozji ż-Żgħar f'erba' Stati Membri (il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Greċja u r-Rumanija), li huwa mmaniġġjat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

Figura 1 – Trattament ta' talbiet għal servizzi ta' konsulenza min-naħa taċ-Ċentru



Sors: il-QEA, elaborazzjoni proprja.

06 L-appoġġ taċ-Ċentru huwa **disponibbli kemm għall-promoturi pubbliċi ta' proġetti kif ukoll għal dawk privati**, inklużi l-NPBIs, il-pjattaformi jew il-fondi ta' investiment, u l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali. Iċ-Ċentru jipprovdi servizzi bla ħlas għal promoturi pubbliċi ta' proġetti u t-tariffi imposti fuq l-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs) huma limitati għal massimu ta' terz tal-ispiża. Il-***Kaxxa 1*** tipprovdi eżempju ta' assenjazzjoni speċifika għall-proġett.

Kaxxa 1

Eżempju ta' assenjazzjoni taċ-Ċentru

Iċ-Ċentru rċieva talba għal konsulenza teknika min-naħa tal-awtoritajiet statali biex ifassal mill-ġdid u jissostitwixxi d-dawl tat-toroq. Il-proġett kellu jiġi implimentat taħt sħubija pubblika-privata li fiha l-kuntratturi potenzjali ntalbu jagħmlu offerta għax-xogħlijiet. It-talba kienet għal konsulenza teknika dwar il-kundizzjoni tan-netwerk tad-dawl eżistenti, prinċipalment il-fanali, it-transformers u l-infrastruttura taħt l-art, biex jgħin lill-offerenti kollha jagħmlu stima tax-xogħol meħtieġ u tal-ispejjeż potenzjali involuti. B'dan il-mod, l-assenjazzjoni tfasslet biex tikkontribwixxi għas-suċċess tal-proċess tal-offerti u tiggarantixxi valur għall-flus.

07 B'segwitu għal rieżami tal-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-FEIS, l-UE ddeċidiet li testendi u tespandi l-FEIS, u f'Diċembru 2017 emendat ir-Regolament dwar il-FEIS (FEIS 2.0)[6]. Ir-**Regolament dwar il-FEIS 2.0** introduċa għadd ta' dispożizzjonijiet relatati maċ-Ċentru. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda taċ-Ċentru enfasizzaw il-ħtieġa għal appoġġ immirat lejn l-istrutturar tal-proġetti, l-istrumenti finanzjarji innovattivi u s-sħubiji pubbliċi-privati, kif ukoll il-pjattaformi ta' investiment li jkopru bosta Stati Membri jew reġjuni. Huma appellaw ukoll biex iċ-Ċentru jieħu approċċ aktar proattiv biex jinkoraġġixxi l-forniment ta' proġetti taħt il-FEIS fl-Istati Membri li qed jiffaċċjaw diffikultajiet u għal prijoritajiet ta' politika bħall-azzjoni klimatika, l-ekonomija ċirkolari, is-settur diġitali, u l-investimenti transfruntiera.

[6] Ir-Regolament (UE) 2017/2356.

08 F'Ġunju 2018, il-Kummissjoni pproponiet il-**Programm InvestEU** bħala parti mill-pakkett ta' proposti għall-QFP li jmiss[7]. L-abbozz ta' regolament jipprevedi Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU, immaniġġjat u ospitat mill-Kummissjoni, flimkien mal-BEI bħala s-sieħeb prinċipali, biex jissostitwixxi ċ-Ċentru u 12-il inizjattiva ta' konsulenza oħra taħt il-QFP 2014-2020. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika u tirrazzjonalizza l-inizjattivi eżistenti ta' konsulenza tal-UE li jappoġġaw l-investiment u li huma mmaniġġjati b'mod ċentrali. Iċ-ċentru l-ġdid ikun ikollu baġit ta' madwar EUR 72 miljun fis-sena.

[7] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (COM(2018) 439 final).

Ambitu u approċċ tal-awditjar

09 L-objettiv tal-awditu tagħna kien li jiġi vvalutat jekk iċ-Ċentru kienx ta prova li huwa għodda effettiva biex tingħata spinta lill-investiment. B'mod partikolari, aħna eżaminajna jekk iċ-Ċentru kienx:

1. ġie stabbilit b'mod xieraq biex jissodisfa l-ħtieġa għal servizzi ta' konsulenza addizzjonali għal dawk li kienu diġà disponibbli minn sorsi oħra tal-UE;

2. jopera kif intenzjonat biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, inkluż f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni mas-sħab; u

3. ikkontribwixxa biex jiżdied il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment.

10 L-awditu ffoka fuq l-istabbiliment taċ-Ċentru u l-operat tiegħu sa tmiem l-2018. L-appoġġ disponibbli għaċ-Ċentru mill-baġit tal-UE matul il-perjodu 2015-2018 kien ta' kważi EUR 70 miljun. L-awditu kopra biss parti waħda tat-tieni pilastru tal-IPE. Il-PEPI ma ġiex kopert mill-awditu tagħna. Iċ-Ċentru huwa biss wieħed mid-diversi sorsi ta' assistenza teknika tal-UE (l-***Anness I***).

11 Ir-rapport tagħna jipprovdi analiżi, konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet li huma ta' rilevanza għaċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU previst għall-perjodu 2021-2027. Dan iċ-ċentru se jkollu mandat usa' u riżorsi akbar minn dawk taċ-ċentru eżistenti.

12 Aħna bbażajna s-sejbiet tagħna fuq analiżi dokumentarja ta' dokumenti ewlenin relatati maċ-Ċentru u tal-inizjattivi ta' konsulenza preeżistenti, kif ukoll fuq intervisti mal-persunal tal-BEI u mal-uffiċjali tal-Kummissjoni, analiżi tad-*data* dwar il-ġestjoni taċ-Ċentru, rieżami ta' kampjun ta' talbiet li ġew ittrattati miċ-Ċentru, u stħarriġ immirat lejn l-NPBIs li jikkooperaw maċ-Ċentru kif ukoll lejn il-benefiċjarji li rċevew ammont sostanzjali ta' appoġġ ta' konsulenza miċ-Ċentru (għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija, ara l-***Anness II***).

Osservazzjonijiet

Iċ-Ċentru ġie stabbilit bħala għodda "xprunata mid-domanda", iżda l-valutazzjoni minn qabel kienet limitata

13 Biex neżaminaw jekk iċ-Ċentru kienx ġie stabbilit b'mod xieraq sabiex jissodisfa l-ħtieġa għal servizzi ta' konsulenza addizzjonali, aħna rrieżaminajna l-valutazzjonijiet preparatorji li twettqu u analizzajna kemm l-attività kif ukoll l-użu sussegwenti tar-riżorsi min-naħa taċ-Ċentru. Aħna nqisu li biex jiġu ffukati l-attivitajiet taċ-Ċentru u jiġi ddeterminat baġit xieraq, il-Kummissjoni kellha twettaq valutazzjoni minn qabel ta':

1. il-ħtiġijiet ta' konsulenza mhux issodisfati li suppost kellhom jiġu indirizzati miċ-Ċentru, inklużi dawk li ma ġewx issodisfati minn inizjattivi oħra ta' konsulenza preeżistenti tal-UE (jiġifieri biex jiġi żgurat li l-appoġġ taċ-Ċentru jiġi pprovdut flimkien ma' servizzi ta' konsulenza oħra disponibbli[8]); u

2. id-domanda probabbli, jiġifieri l-għadd ta' talbiet li l-EIAH x'aktarx kellu jirċievi u li jkunu eliġibbli għall-appoġġ taħt l-EIAH.

Il-valutazzjoni li saret qabel ma ġie stabbilit iċ-Ċentru kienet limitata

14 Fil-prinċipju, jenħtieġ li l-proposti kollha għall-attivitajiet li jagħtu lok għal nefqa baġitarja tal-UE jkunu suġġetti għal evalwazzjoni *ex ante* speċifika[9]. F'Jannar 2015, il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni dwar il-FEIS kienet akkumpanjata minn rapport tat-Task Force Speċjali (l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-BEI) dwar l-Investimenti fl-UE li ġibed l-attenzjoni għal ħtieġa ġenerali li jkun hemm servizzi ta' konsulenza addizzjonali fil-livell tal-UE. Aħna sibna li ma kienet saret l-ebda evalwazzjoni *ex ante* formali u speċifika għaċ-Ċentru qabel il-bidu tal-operat tiegħu biex jiġu determinati l-ħtiġijiet finanzjarji tal-inizjattiva l-ġdida.

---

[8] L-Artikolu 14(2) tar-Regolament dwar il-FEIS.

[9] L-Artikolu 18(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-UE (ĠU L 362, 20.12.2012, p. 1).

15 Dan in-nuqqas ta' valutazzjoni minn qabel ġie rifless fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-FEIS relatati maċ-Ċentru. Filwaqt li r-regolament stabbilixxa baġit għaċ-Ċentru, huwa ma pprovda l-ebda mira jew aspettattiva rigward il-livell mixtieq ta' servizzi ta' konsulenza minn żona ġeografika, settur ta' politika jew attività taċ-Ċentru jew dwar l-approċċ li għandu jittieħed biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' konsulenza.

16 Ftit wara li ġie stabbilit iċ-Ċentru, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni taċ-Ċentru ħa azzjoni fil-pront biex jidentifika l-**ħtiġijiet ta' konsulenza mhux issodisfati** fl-UE billi nieda studju[10]. L-istudju kellu l-għan li jappoġġa lill-BEI u lill-Kummissjoni fit-tfassil ta' strateġija fuq terminu medju jew fit-tul biex b'mod speċifiku jgħin liċ-Ċentru jistabbilixxi l-prijoritajiet, inkluż "fejn, kif, u fuq xiex għandhom ikunu ffukati r-riżorsi tiegħu". L-istudju ġibed l-attenzjoni għall-Istati Membri tal-UE li fihom ġew identifikati l-akbar ħtiġijiet ta' konsulenza f'termini ta' setturi (it-***Tabella 1***). Konklużjoni ewlenija tal-istudju kienet li n-nuqqas ta' konnessjoni bejn il-ħtiġijiet u l-forniment ta' servizzi ta' konsulenza kien prinċipalment dovut għall-fatt li l-promoturi ta' proġetti jsibu diffikultajiet biex jaċċessaw is-servizzi ta' konsulenza, iħallsu għas-servizzi, u jsibu fornitur tas-servizzi. Din il-konklużjoni wriet il-ħtieġa li ċ-Ċentru jieħu miżuri attivi biex jindirizza problemi relatati mal-aċċess. Il-biċċa l-kbira mill-pajjiżi bi prijorità ewlenija kienu pajjiżi tal-koeżjoni li ftit ibbenefikaw mill-FEIS[11].

Tabella 1 – Ħtiġijiet ta' konsulenza skont l-Istat Membru u s-settur

Kategorija	Stat Membru	Setturi prijoritarji
Prijorità ewlenija	Il-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja	L-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija, l-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi
Prijorità għolja	Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Malta, il-Portugall u Spanja	L-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi
Prijorità medja	Il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja u l-Irlanda	SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja
Prijorità baxxa	L-Awstrija, id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit	SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, RŻI

Sors: PwC study on Market Gap Analysis (2016).

[10] Studju intitolat: "Market gap analysis for advisory services under the Hub", PWC, Ottubru 2016.

[11] Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2019 tal-QEA, il-paġna 37.

17 F'dak li jirrigwarda l-iżgurar li l-appoġġ taċ-Ċentru jkun addizzjonali għal servizzi ta' konsulenza li jkunu disponibbli taħt programmi oħra tal-UE, ir-rieżaminar tagħna tal-qafas legali u kuntrattwali taċ-Ċentru wera li l-komplementarjetà taċ-Ċentru ma' dawn is-servizzi ta' konsulenza ma ġietx iddefinita b'mod ċar meta huwa beda l-operat tiegħu. Ir-Regolament dwar il-FEIS ma ddeskriviex il-lakuni li ħallew is-servizzi ta' konsulenza preeżistenti taħt programmi oħra tal-UE u li għandhom jiġu koperti miċ-Ċentru. Fil-qafas kuntrattwali taċ-Ċentru, aħna sibna biss żewġ ċirkustanzi identifikati b'mod ċar fejn l-appoġġ taċ-Ċentru kien meqjus li huwa addizzjonali għal inizjattivi ta' konsulenza eżistenti oħra. Dawn kienu relatati mal-Faċilità tal-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA) għal investimenti relatati mal-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u t-trasport, u mal-mandat tal-Grupp Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (InnovFin) għal investiment relatat mar-riċerka.

18 Fil-fehma tagħna, il-Kummissjoni u l-BEI stabbilew iċ-Ċentru bħala "għodda xprunata mid-domanda", u b'valutazzjoni minn qabel limitata tal-ħtiġijiet ta' konsulenza li huwa jkun jindirizza, kif ukoll tal-livell ta' domanda li x'aktarx kellu jirċievi, jew tal-ammont ta' riżorsi li jkun jeħtieġ. Fi kliem ieħor, iċ-Ċentru beda jopera fuq is-suppożizzjoni li t-talbiet għal appoġġ li jingħata minnu, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, jirriflettu ħtiġijiet ta' konsulenza mhux issodisfati.

Sa tmiem l-2018, iċ-Ċentru kien irċieva ftit talbiet li setgħu jwasslu għal assenjazzjonijiet meta mqabbla mar-riżorsi disponibbli

19 Il-kontribut taċ-Ċentru fl-għoti ta' spinta lill-investiment jiddependi fil-biċċa l-kbira mill-għadd ta' talbiet li huwa rċieva, u mill-proporzjon ta' dawk it-talbiet li kienu eliġibbli għal appoġġ u b'hekk saru assenjazzjonijiet.

20 Matul il-perjodu minn nofs l-2015 sal-2018, iċ-Ċentru rċieva 1091 **talba**, jiġifieri medja ta' inqas minn talba waħda kuljum. L-akbar sors uniku ta' talbiet ġie direttament mill-promoturi ta' proġetti permezz tas-sit web taċ-Ċentru (41 %), filwaqt li l-bqija ġew mis-servizzi tal-BEI, il-BERŻ, l-NPBIs u l-Kummissjoni ("sorsi esperti"). Għalkemm l-għadd totali ta' talbiet riċevuti żdied kull sena, kien hemm tnaqqis f'dak li jirrigwarda t-talbiet riċevuti permezz tas-sit web taċ-Ċentru (il-***Figura 2***). Dan it-tnaqqis kien irriżulta parzjalment minn tfassil mill-ġdid tas-sit web fl-2017, li wassal biex il-mistoqsijiet jintbagħtu b'mod awtomatiku lil servizzi oħra. Fl-istess ħin, kien hemm żieda fit-talbiet riċevuti minn sorsi esperti, b'mod partikolari mis-servizzi tal-BEI.

Figura 2 – Is-sorsi tat-talbiet evolvew matul il-perjodu 2015-2018



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-BEI fil-31 ta' Diċembru 2018. Iċ-Ċentru rċieva talbiet wara li kien ġie stabbilit f'nofs l-2015.

21 Il-biċċa l-kbira mit-talbiet riċevuti matul il-perjodu ma wasslux għal assenjazzjoni tal-appoġġ li jingħata miċ-Ċentru. Mill-1091 talba li ġew riċevuti, madwar 22 % kienu fl-istadju tal-iskrinjar fil-31 ta' Diċembru 2018, jew inkella kienu taħt valutazzjoni jew qed jistennew aktar informazzjoni, u madwar 52 % kienu ġew ivvalutati bħala mistoqsijiet li għandhom jiġu "senjalati" jew li għandhom jingħataw "konsulenza simplifikata". Iċ-Ċentru għamel assenjazzjonijiet għal 26 % tat-talbiet riċevuti (285 minn 1 091 talba – il-***Figura 3***). Il-proporzjon ta' talbiet li wasslu għal **assenjazzjonijiet** kien jiddependi mis-sors. Talbiet li ġew riċevuti mis-sit web kienu sinifikattivament inqas probabbli li jwasslu għal assenjazzjonijiet minn dawk riċevuti minn sorsi esperti. Inqas minn 3 % tat-talbiet riċevuti permezz tas-sit web taċ-Ċentru wasslu għal assenjazzjonijiet (14 minn 447 talba). Anki wara l-introduzzjoni fl-2017 tas-sinjalazzjoni awtomatika ta' xi talbiet riċevuti permezz tas-sit web, ftit minn dawn it-talbiet wasslu għal assenjazzjonijiet (4.1 % fl-2018). B'kuntrast ma' dan, madwar 27 % tat-talbiet riċevuti minn sorsi esperti wasslu għal assenjazzjoni. Sa ċertu punt, dan irrifletta l-fatt li, qabel ma bagħtu talbiet għal appoġġ liċ-Ċentru, is-sorsi esperti wettqu ċertu ammont ta' skrinjar minn qabel. Il-BERŻ eżamina t-talbiet kollha għal appoġġ li huwa rċieva qabel ma rrapporta l-assenjazzjonijiet liċ-Ċentru. Dan tal-aħħar ma kellux informazzjoni dwar l-għadd ta' talbiet riċevuti mill-BERŻ u għaldaqstant dwar il-proporzjon tal-perċentwal ta' talbiet li saru assenjazzjonijiet.

Figura 3 – Il-perċentwal ta’ talbiet riċevuti permezz tas-sit web taċ-Ċentru li wasslu għal assenjazzjonijiet kien baxx meta mqabbel ma’ dak ta’ talbiet minn sorsi oħra



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-BEI fil-31 ta’ Diċembru 2018.

22 Il-livell baxx ta’ assenjazzjonijiet li twettqu huwa rifless fl-użu tal-**bagit taċ-Ċentru** billi ċ-Ċentru ma kienx nefaq ħafna mill-finanzjament disponibbli matul l-ewwel tliet snin u nofs (it-***Tabella 2***). B’kollox, EUR 68.1 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn saru disponibbli mill-baġit tal-UE għaċ-Ċentru matul il-perjodu mill-2015 sal-2018. Aħna sibna li l-implimentazzjoni baġitarja fl-ewwel snin tal-attività taċ-Ċentru kienet aktar baxxa milli mistenni (36 % biss fl-2015 u 42 % fl-2016). B’riżultat ta’ dan, fl-2015 u fl-2016, il-Kummissjoni ttrasferiet EUR 18-il miljun f’approprjazzjonijiet ta’ pagament mil-linja baġitarja taċ-Ċentru għal linji baġitarji oħra tal-UE. L-ammont ta’ EUR 43.3 miljun, li l-Kummissjoni ħallset lill-BEI għal dak li jirrigwarda l-attivitajiet taċ-Ċentru matul il-perjodu, kien jinkludi ammonti sinifikanti ta’ prefinanzjament f’konformità mal-qafas kuntrattwali. Fil-31 ta’ Diċembru 2018, l-ispejjeż eliġibbli reali taċ-Ċentru attribwibbli għall-baġit tal-UE għall-perjodu 2015-2018 kienu ta’ EUR 26.2 miljun, jiġifieri 26 % biss tal-ammonti disponibbli mill-baġit tal-UE.

Tabella 2 – L-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru kienet baxxa

Sena	2015	2016	2017	2018	Totali
Impenji mill-baġit tal-UE (f'EUR)	10 000 000	19 400 000	19 400 000	19 300 000	68 100 000
Pagamenti li saru mill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru 2018 (inkluż il-prefinanzjament)	9 978 768	15 520 000	10 093 500	7 720 000	43 312 268
Perċentwal tal-użu	99.8 %	80.0 %	52.0 %	40.0 %	63.6 %
Spejjeż totali eliġibbli attribwibbli għall-baġit tal-UE fil-perjodu 2015-2018					26 153 039

Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mid-DĠ ECFIN u mill-BEI.

23 Fil-fehma tagħna, iċ-Ċentru ġie stabbilit bis-suppożizzjoni li huwa kien se jirċievi għadd ogħla ta' talbiet għal appoġġ li setgħu wasslu għal assenjazzjonijiet milli effettivament kien il-każ. B'riżultat ta' dan, iċ-Ċentru ma kienx nefaq ħafna mill-finanzjament disponibbli matul l-ewwel tliet snin u nofs tal-operat tiegħu.

Iċ-Ċentru pprovda servizzi ta' konsulenza li ssodisfaw ħafna lill-benefiċjarji, iżda mhux b'mod immirat

24 L-għan operazzjonali ewlieni taċ-Ċentru kien li jipprovdi appoġġ ta' konsulenza li jkun ta' kwalità għolja u mfassal apposta għall-ħtiġijiet individwali tal-benefiċjarji u li jirrifletti l-prijoritajiet għall-appoġġ ta' konsulenza. Aħna eżaminajna jekk:

- il-benefiċjarji individwali kinux sodisfatti bl-appoġġ li huma rċevew, abbażi ta' stħarriġ;
- l-assenjazzjonijiet kinux jirriflettu l-prijoritajiet għall-appoġġ ta' konsulenza billi jiġu analizzati l-istrateġija, il-proċeduri u l-informazzjoni disponibbli dwar il-ġestjoni taċ-Ċentru;
- l-iżviluppi f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni mal-NPBIs kinux ikkontribwew biex tiġi żgurata kopertura ġeografika suffiċjenti tal-ħtiġijiet ta' konsulenza.

Il-benefiċjarji kienu ferm sodisfatti bil-konsulenza mfassla apposta li rċevew

25 Fil-perjodu 2015-2018, iċ-Ċentru wettaq 285 assenjazzjoni għall-benefiċjarji kemm tas-settur pubbliku kif ukoll dak privat. Proporzjon għoli tal-assenjazzjonijiet kien għall-għoti ta' konsulenza teknika jew finanzjarja dwar proġetti speċifiċi (88 %). L-assenjazzjonijiet li jifdal kienu relatati mal-konsulenza finanzjarja mhux speċifika għall-proġett, il-kooperazzjoni mal-NPBIs u kwistjonijiet ġenerali (12 %) (il-***Figura 4***).

Figura 4 – Il-maġġoranza vasta tal-benefiċjarji rċevew konsulenza teknika jew finanzjarja



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-BEI fil-31 ta' Diċembru 2018.

26 Fl-istħarriġ tagħna[12], b'mod ġenerali, il-benefiċjarji kklassifikaw li s-sodisfazzjon tagħhom rigward aspetti ewlenin tas-servizzi ta' konsulenza li huma rċevew hija "għolja". Kważi 80 % tar-rispondenti kklassifikaw il-kontribut taċ-Ċentru fir-rigward tal-iżgurar ta' proċess ta' konsulenza bla xkiel bħala "għoli" jew "għoli ħafna", u aktar minn 90 % minnhom qablu li l-appoġġ kien imfassal apposta għall-ħtiġijiet tagħhom (il-***Figura 5***).

[12] Ir-rata ta' rispons għall-istħarriġ kienet ta' 43 risposta riċevuta minn 88 benefiċjarju fil-mira, jiġifieri 48.86 %.

Figura 5 – Il-benefiċjarji kienu ferm sodisfatti bl-appoġġ li ngħata miċ-Ċentru



Sors: il-QEA, ibbażat fuq stħarriġ tal-benefiċjarji dwar l-appoġġ ta' konsulenza li ngħata miċ-Ċentru.

27 Fil-fehma tagħna, għall-assenjazzjonijiet li twettqu, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, iċ-Ċentru laħaq l-għan li jipprovdi servizzi ta' konsulenza mfassla apposta għas-sodisfazzjon tal-benefiċjarji.

Iċ-Ċentru ma kellux strateġija u proċeduri ċari għall-immirar tal-appoġġ

28 Aħna sibna li, sal-31 ta' Diċembru 2018, ma kienet ġiet adottata l-ebda strateġija formali għall-immirar tal-appoġġ taċ-Ċentru, minkejja li l-qafas kuntrattwali taċ-Ċentru kien jipprevedi li l-Kumitat ta' Koordinazzjoni jirrieżamina u japprova l-istrateġija[13] u li l-konsulent estern ingaġġat mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni kien ikkonkluda li jkun tajjeb li ċ-Ċentru jimmira l-attivitajiet tiegħu[14].

[13] L-Artikolu 4(3) tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija (FPA) dwar iċ-Ċentru, li ġie konkluż bejn l-UE u l-BEI.

[14] Studju intitolat: "Market gap analysis for advisory services under the Hub", PWC, Ottubru 2016.

29 Fi Frar 2018, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni ddeċieda li l-istrateġija *de facto* taċ-Ċentru kienet debitament riflessa fil-programmi ta' ħidma annwali tiegħu[15]. Madankollu, aħna sibna li dawn il-programmi la kienu jispjegaw b'mod suffiċjenti kif l-attivitajiet taċ-Ċentru kienu mfassla biex jikkontribwixxu sabiex jagħtu spinta lill-investiment u lanqas ma kienu jinkludu xi miri jew ir-riżultati mistennija sa tmiem il-perjodu ta' finanzjament (jiġifieri l-2020) f'dak li jirrigwarda l-prijoritajiet għall-appoġġ ta' konsulenza.

30 Iċ-Ċentru żviluppa kriterji għall-iskrinjar tal-eliġibbiltà tat-talbiet. Madankollu, aħna sibna li ċ-Ċentru ma kienx stabbilixxa kriterji u proċeduri biex jiddeterminaw jekk assenjazzjoni potenzjali kinitx tirrappreżenta valur għoli, medju jew baxx f'termini tal-kontribut probabbli tagħha għall-forniment ta' proġetti ta' investiment. Aħna stennejna li ċ-Ċentru kien se jiżviluppa kriterji ċari biex jiġi ġġudikat il-valur ta' assenjazzjoni, abbażi tal-prijoritajiet fir-Regolament dwar il-FEIS, bħalma huma:

— l-**addizzjonalità** – ir-Regolament dwar il-FEIS ippreveda li l-appoġġ taċ-Ċentru jkun addizzjonali għall-inizjattivi eżistenti tal-UE li huma relatati mal-appoġġ ta' konsulenza;

— it-**tip ta' appoġġ** – il-politika stabbilita taċ-Ċentru kienet li l-ewwel jingħataw prijorità t-talbiet speċifiċi għall-proġett, imbagħad it-talbiet mhux speċifiċi għall-proġett li jistgħu jikkontribwixxu indirettament biex jiżdied il-forniment ta' proġetti ta' investiment[16];

— l-**impatt potenzjali** bbażat fuq karatteristiċi ewlenin tal-proġett (eż. l-istadju tal-proġett u d-daqs tal-investiment) – proġetti li jkunu akbar u aktar maturi għandhom aktar probabbiltà li jibqgħu għaddejjin u li jiġġeneraw kontribut akbar biex tingħata spinta lill-investiment minn proġetti iżgħar fi stadju aktar bikri tal-iżvilupp;

— is-**settur jew iż-żona ġeografika** – l-assenjazzjonijiet li jikkorrispondu għall-prijoritajiet li ġew identifikati għall-Istati Membri u għas-setturi abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ikunu jitqiesu bħala li huma ta' "valur ogħla" (il-paragrafu ***16***).

---

[15] Il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni li saret fi Frar 2018.

[16] Il-Prinċipji u l-Proċess taċ-Ċentru għall-ħidma ma'/għal Direttorati Ġenerali fi ħdan il-Kummissjoni.

31 Minkejja li ma żviluppax kriterji għall-klassifikazzjoni tal-valur tal-assenjazzjonijiet potenzjali, iċ-Ċentru rreġistra l-biċċa l-kbira – iżda mhux kollha – mill-informazzjoni meħtieġa, b'mod partikolari:

— l-**addizzjonalità** – id-deskrizzjonijiet tal-assenjazzjonijiet kienu jinkludu referenza għall-artikoli rilevanti tar-Regolament dwar il-FEIS. Madankollu, huma ma kinux jispjegaw għalfejn iċ-Ċentru kien fl-aħjar pożizzjoni biex iwettaq l-assenjazzjonijiet u mhux servizzi oħra ta' konsulenza eżistenti tal-UE. Il-***Kaxxa 2*** turi eżempju wieħed fejn il-ġustifikazzjoni ma kinitx iddokumentata b'mod suffiċjenti;

Kaxxa 2

Assenjazzjoni fejn l-addizzjonalità ma ġietx iddokumentata b'mod suffiċjenti

Meta rrieżaminajna l-każ, aħna sibna li l-assenjazzjoni kienet marbuta mal-objettiv leġiżlattiv tal-UE li mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni jagħmlu użu minn arloġġi intelliġenti sal-2020. Aħna nqisu li seta' kien mistenni li l-Kummissjoni tikkuntratta dan l-istudju bħala parti mill-isforzi normali tagħha biex tiżviluppa politika f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni kkonfermat li dan l-istudju huwa komplementari għal dawk li hija twettaq u, fil-fatt, l-output tal-istudju seta' jipprovdi feedback lil dawk li jfasslu l-politika/lir-regolaturi biex jirfinaw l-istrateġija u l-qafas għall-futur.

— it-**tip ta' appoġġ** – iċ-Ċentru kien fil-fatt irreġistra informazzjoni dwar il-prijoritajiet għal appoġġ ta' konsulenza li ġew introdotti fir-Regolament dwar il-FEIS 2.0[17] mill-2018 'il quddiem;

— l-**impatt potenzjali** – il-maturità tal-proġetti ġiet irreġistrata biss fis-sistemi ta' ġestjoni mit-tieni semestru tal-2018, u l-informazzjoni dwar il-volum ta' investiment ma ġietx irreġistrata b'mod sistematiku matul il-perjodu awditjat;

— is-**settur u ż-żona ġeografika** – iċ-Ċentru kkategorizza b'mod adegwat l-assenjazzjonijiet skont is-setturi ta' attività tal-FEIS u skont l-Istat Membru.

[17] Skont ir-Regolament dwar il-FEIS 2.0, il-prijoritajiet il-ġodda għall-appoġġ ta' konsulenza kienu jinkludu proġetti eliġibbli għall-appoġġ taħt il-FEIS u relatati mal-azzjoni klimatika, proġetti diġitali u transfruntiera, kif ukoll proġetti li jinvolvu strumenti finanzjarji innovattivi, pjattaformi ta' investiment jew sħubiji pubbliċi-privati.

32 Fil-fehma tagħna, iċ-Ċentru ma kellux strateġija ċara biżżejjed, jew ma kienx stabbilixxa l-kriterji u l-proċeduri biex l-appoġġ jiġi mmirat fejn jista' jipprovdi l-aktar valur miżjud, minkejja li rreġistra l-biċċa l-kbira mill-informazzjoni meħtieġa biex jagħmel dan.

L-assenjazzjonijiet kienu jkopru setturi u Stati Membri prijoritarji, iżda kien jinħtieġ approċċ aktar proattiv biex jiġu mmirati aħjar il-ħtiġijiet ta' konsulenza mhux issodisfati

33 Abbażi tal-informazzjoni disponibbli dwar il-ġestjoni taċ-Ċentru u ta' evidenza oħra għall-awditjar, aħna analizzajna kemm l-assenjazzjonijiet taċ-Ċentru kienu jirriflettu l-prijoritajiet ewlenin għall-appoġġ ta' konsulenza (il-paragrafi ***30*** u ***31***), b'mod partikolari:

- l-addizzjonalità fir-rigward ta' sorsi oħra ta' konsulenza pubbliċi jew privati;
- il-kontribut għall-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment, inkluż:

(a) il-proġetti eliġibbli għall-appoġġ taħt il-FEIS kif ukoll il-proġetti relatati mal-azzjoni klimatika, l-ekonomija ċirkolari, is-settur diġitali u proġetti transfruntiera; u

(b) l-istrumenti finanzjarji, il-pjattaformi ta' investiment, u s-sħubiji pubbliċi-privati;

- il-kopertura ta' setturi u oqsma bl-ogħla ħtiġijiet ta' konsulenza.

34 Aħna stħarriġna kampjun ta' benefiċjarji biex naraw jekk l-appoġġ ta' konsulenza li rċevew setgħux kisbuh minn entitajiet ta' konsulenza pubbliċi jew privati oħra. Sibna li kważi 50 % tar-rispondenti rrappurtaw li l-istess appoġġ ta' konsulenza li rċevew setgħu kisbuh minn entitajiet ta' konsulenza pubbliċi jew privati oħra.

35 Fir-rigward tal-**forniment ta' proġetti adatti għall-investiment**, aħna sibna li kważi l-assenjazzjonijiet kollha kienu speċifiċi għall-proġett (265 minn 285, jew 92 %). Iċ-Ċentru rreġistra 55 assenjazzjoni li kienu relatati ma' operazzjonijiet finanzjarji tal-BEI. Minn dawn, 28 assenjazzjoni kienu **relatati mal-FEIS**, li minnhom 12 kienu relatati ma' proġetti li kienu diġà rċevew appoġġ taħt il-FEIS, jiġifieri l-operazzjoni finanzjarja tal-BEI kienet ġiet approvata, iffirmata jew żborżata, 3 kienu għal proġetti kkanċellati u 13 kienu għal proġetti li għaddejjin mill-proċess ta' evalwazzjoni. B'mod ġenerali, sa tmiem l-2018, ftit aktar minn 1 % tat-total ta' operazzjonijiet finanzjarji approvati u

appoġġati taħt il-FEIS kienu bbenefikaw minn assenjazzjoni taċ-Ċentru (12 minn 1 031[18]).

36 Aħna sibna wkoll li, mill-285 assenjazzjoni, 45 kienu għall-azzjoni klimatika (16 %), 9 għall-ekonomija ċirkolari (3 %), 16 għas-settur diġitali (6 %) u 12 għall-proġetti transfruntiera (4 %). Barra minn hekk, iċ-Ċentru għamel 30 assenjazzjoni għal strumenti finanzjarji innovattivi potenzjali (17 fl-2018), 12 għal pjattaformi ta' investiment potenzjali[19] (7 fl-2018), u 16 għal sħubiji pubbliċi-privati potenzjali (4 fl-2018)[20]. F'dawn il-każijiet, l-appoġġ taċ-Ċentru jista' jiġi pprovdut fi stadju bikri ħafna mingħajr l-ebda garanzija li jiġu stabbiliti l-istrumenti, il-pjattaformi jew is-sħubiji relatati (il-***Kaxxa 3***).

Kaxxa 3

Eżempji ta' assenjazzjonijiet taċ-Ċentru għal strumenti finanzjarji u pjattaformi ta' investiment

Għal assenjazzjoni waħda fil-kampjun tagħna, iċ-Ċentru appoġġa l-evalwazzjoni ta' mudelli ġodda ta' finanzjament, inkluża l-identifikazzjoni ta' sorsi ġodda ta' finanzjament, għal investiment tal-amministrazzjoni pubblika fir-riċerka u l-iżvilupp f'għadd ta' universitajiet. Il-valur miżjud tal-intervent taċ-Ċentru kien iġġustifikat b'referenza għall-politika taċ-Ċentru li jappoġġa inizjattivi lokali biex jinħolqu proġetti adatti għall-investiment bi **strumenti finanzjarji innovattivi** għal entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali. Output wieħed tal-assenjazzjoni kien rapport li ġie pprovdut minn konsulenza esterna f'Diċembru 2018. Fi tmiem Diċembru 2018, kien għadu kmieni wisq biex jiġi konkluż jekk l-appoġġ taċ-Ċentru jkunx jirriżulta fl-użu ta' strument finanzjarju ġdid.

Assenjazzjoni oħra fil-kampjun tagħna kienet relatata mal-iżvilupp ta' għodda web li tiffaċilita l-aċċess għal **pjattaforma ta' investiment** għas-settur agrikolu. L-assenjazzjoni mhux se tirriżulta fl-istabbiliment ta' pjattaforma ta' investiment ġdida, iżda se tgħin lill-utenti finali biex jaċċessaw il-finanzjament tal-pjattaforma ta' investiment, u b'hekk ikunu jistgħu jużaw ir-riżorsi tal-FEIS u tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE).

---

[18] Sors: ċifri mill-BEI dwar il-FEIS – Jannar 2019.

[19] Iddefiniti fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament dwar il-FEIS (UE) 2015/1017.

[20] Dawn it-tliet kategoriji jistgħu jikkoinċidu, għaldaqstant, kalkolu tal-perċentwal mhuwiex validu.

37 Fir-rigward tas-**setturi**, iċ-Ċentru kkategorizza l-assenjazzjonijiet skont is-setturi ta' attività tal-FEIS (il-***Figura 6***). Il-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet (215 minn 285, jew 83 %) kienu relatati mas-setturi bi prijorità ogħla li ġew identifikati fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, jiġifieri t-trasport, l-enerġija, l-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi, u mal-intraprizi żgħar u medji (SMEs) u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, filwaqt li l-assenjazzjonijiet l-oħra kienu relatati ma' setturi li ġew identifikati bħala li għandhom prijorità aktar baxxa. Proporzjon kbir tal-assenjazzjonijiet kien twettaq mill-BERŻ għal SMEs f'erba' pajjiżi (133 minn 285, jew 47 %).

Figura 6 – Il-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet saru fis-setturi bi prijorità għolja



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-BEI fil-31 ta' Diċembru 2018.

38 Fir-rigward tal-**oriġini ġeografika**, aħna sibna li 58 % tal-assenjazzjonijiet relatati mal-Istati Membri ġew identifikati[21] bħala li għandhom l-ogħla ħtiġijiet ta' konsulenza (il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja). Aħna sibna wkoll li, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, dan kien dovut għall-għadd kbir ta' assenjazzjonijiet li l-BERŻ wettaq fir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Kroazja (113). L-analiżi tagħna wriet li 32 % (49 minn 152) mill-assenjazzjonijiet

[21] Studju dwar il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet imwettaq mill-PWC għaċ-Ċentru.

immaniġġjati direttament mill-BEI kienu relatati mal-Istati Membri li għandhom l-ogħla ħtiġijiet ta' konsulenza (il-*Figura 7*). Tmien assenjazzjonijiet kienu relatati mal-operazzjonijiet tal-FEIS f'ħames pajjiżi tal-koeżjoni.

Figura 7 – Assenjazzjonijiet fi Stati Membri bi prijorità ewlenija kienu kkonċentrati fir-Rumanija u fil-Bulgarija



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-BEI fil-31 ta' Diċembru 2018.

39 Filwaqt li 83 % tal-assenjazzjonijiet kienu relatati ma' setturi bi prijorità ogħla, u 58 % kienu relatati mal-Istati Membri bi prijorità ewlenija li ġew identifikati mill-istudju dwar il-ħtiġijiet ta' konsulenza (it-*Tabella 1*), aħna sibna li 10 % tal-assenjazzjonijiet kienu relatati mas-setturi prijoritarji għall-Istati Membri bi "prijorità ewlenija" (jiġifieri l-enerġija, it-trasport, kif ukoll l-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi, ara l-*Figura 8*).

Figura 8 – Ftit mill-assenjazzjonijiet kienu fis-setturi prijoritarji għal Stati Membri bi prijorità ogħla



Sors: il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-BEI fil-31 ta' Diċembru 2018.

40 Fil-fehma tagħna, filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet kienu f'setturi u fi Stati Membri prijoritarji, kien jinħtieġ approċċ aktar proattiv biex jiġu mmirati aħjar il-ħtiġijiet ta' konsulenza kumplessivi mhux issodisfati.

Minkejja l-isforzi taċ-Ċentru, il-kooperazzjoni mal-NPBIs bil-għan li titjieb il-kopertura ġeografika żviluppat bil-mod

41 Mezz ewlieni biex iċ-Ċentru jilħaq l-għan li jiġu indirizzati l-lakuni b'rispons għall-ħtiġijiet ta' konsulenza fl-Istati Membri kien li jaħdem f'kooperazzjoni mas-sħab fil-livell lokali. Għal dan il-għan, iċ-Ċentru fittex li jiżviluppa netwerk ta' ftehimiet ma' istituzzjonijiet sħab lokali, b'mod partikolari l-NPBIs tal-Istati Membri u l-BERŻ. Din il-kooperazzjoni kellha l-għan li tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-għarfien, ittejjeb il-forniment ta' talbiet liċ-Ċentru u ssaħħaħ it-twassil ta' servizzi ta' konsulenza fil-livell lokali. Aħna eżaminajna kif il-kooperazzjoni mal-NPBIs u l-BERŻ ipprogressat matul il-perjodu.

42 Ir-Regolament dwar il-FEIS[22] ippreveda li ċ-Ċentru jagħmel sforz biex jikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni ma' NPBI minn kull Stat Membru jew biex jipprovdi appoġġ ta' konsulenza proattiv lil dawk l-Istati Membri li ma għandhomx NPBI. L-FPA bejn il-Kummissjoni u l-BEI kien jipprevedi l-**kooperazzjoni mal-NPBIs** fir-rigward ta':

(a) Il-kondiviżjoni u t-tixrid tal-għarfien u l-aħjar prattiki;

(b) Ir-rwol ta' punt tad-dħul lokali għall-benefiċjarji potenzjali taċ-Ċentru; u

(c) It-twassil ta' servizzi ta' konsulenza f'isem iċ-Ċentru.

43 Fil-31 ta' Diċembru 2018, aħna sibna li ċ-Ċentru kien iffirma 25 ftehim ta' kooperazzjoni, fil-forma ta' Memoranda ta' Qbil (MtQ), flimkien ma' NPBIs minn 20 Stat Membru (l-***Anness III***), li jippreżentaw l-livell ta' kooperazzjoni maċ-Ċentru. Il-***Figura 9*** turi n-natura tal-kooperazzjoni koperta mill-MtQ. F'ħames Stati Membri, iċ-Ċentru kien iffirma MtQ ma' żewġ NPBIs (il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, il-Litwanja u l-Polonja). It-tmien Stati Membri li mhumiex koperti minn MtQ kienu Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, il-Lussemburgu, Malta, ir-Rumanija, u r-Renju Unit. L-iffirmar ta' MtQ għen biex jifformalizza l-kondiviżjoni tal-għarfien mal-attivitajiet taċ-Ċentru. Fl-istħarriġ tagħna, ir-raġuni prinċipali li ngħatat l-aktar frekwentement mill-NPBIs għall-istabbiliment ta' MtQ kienet il-**kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki**. F'dan ir-rigward, l-azzjoni prinċipali implimentata taħt din il-kooperazzjoni kienet l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' komunikazzjoni biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru. Minn 20 NPBIs, 7 kienu indikaw li l-ebda attività ta' kooperazzjoni ma kienet twettqet sal-31 ta' Diċembru 2018.

[22] L-Artikolu 14(6) tar-Regolament dwar il-FEIS.

Figura 9 – Il-livell ta' kooperazzjoni mal-NPBIs ivarja



Sors: sfond tal-mappa ©OpenStreetMap kontributuri liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

44 Għalkemm l-NPBIs għamlu kontribut relattivament żgħir għall-**forniment ta' talbiet** li ċ-Ċentru rċieva fil-perjodu 2015-2018 (62 minn 1 091, jew 6 %), kien hemm xejra dejjem tiżdied matul l-istess perjodu, minn 3 talbiet fl-2015 għal 28 fl-2018. Filwaqt li t-talbiet ġew minn 18-il Stat Membru, kważi 80 % ntbagħtu mill-NPBIs ta' 9 Stati Membri (il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja). B'kollox, iċ-Ċentru qies li 17 minn dawn it-talbiet huma assenjazzjonijiet eliġibbli biex jingħataw appoġġ ulterjuri mingħandu (11 % tal-assenjazzjonijiet immaniġġjati direttament mill-BEI) sal-31 ta' Diċembru 2018.

45 Waħda mir-raġunijiet għalfejn il-progress li sar fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni mexa bil-mod kienet id-diffikultajiet biex jiġi stabbilit qafas kuntrattwali xieraq. Aħna sibna li l-istabbiliment ta' ftehimiet bejn il-BEI u l-NPBIs għat-**twassil ta' servizzi ta' konsulenza taċ-Ċentru** li ġew iffinanzjati mill-baġit tal-UE kien jirrikjedi emendi għall-ftehimiet kuntrattwali bejn l-UE u l-BEI. Dan kien speċjalment il-każ meta l-FPA ġie emendat f'Mejju 2017. Barra minn hekk, l-SGA tal-2016 ġie mmodifikat f'Diċembru 2017 bil-

għan li jiddefinixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju taċ-Ċentru lill-NPBIs, inklużi r-rekwiżiti għal dawn tal-aħħar biex iżommu rekords suffiċjenti biex il-BEI jkun jista' jivverifika l-użu li jsir mill-appoġġ taċ-Ċentru.

46 Raġuni oħra għalfejn il-progress li sar fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni mexa bil-mod kienet il-ħtieġa li l-NPBIs jibnu l-kapaċità li jipproċessaw it-talbiet u jwasslu s-servizzi taċ-Ċentru fil-livell lokali. Iċ-Ċentru ħa azzjoni biex jindirizza din il-problema. Il-baġit taċ-Ċentru għall-2016 kien jinkludi EUR 7 miljun biex jiġu appoġġati u **indirizzati l-ħtiġijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-NPBIs** kif ukoll it-twassil ta' servizzi ta' konsulenza fil-livell lokali[23]. Iċ-Ċentru stieden lill-NPBIs biex jipproponu inizjattivi permezz ta' "Sejħa għal Proposti". Iċ-Ċentru offra li jiffinanzja sa 75 % tal-ispejjeż eliġibbli għas-servizzi ta' konsulenza u għall-persunal li kienu previsti fil-proposti aċċettati. Il-proposti setgħu jinkludu:

- it-twassil ta' servizzi ta' konsulenza għall-investimenti f'isem iċ-Ċentru;
- l-istabbiliment jew l-iżvilupp ta' kapaċità organizzattiva; u
- it-trasferiment ta' għarfien għall-iżvilupp ta' kapaċità konsultattiva fil-livell lokali.

47 Is-**Sejħa għal Proposti** għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tniedet f'Diċembru 2017. Iċ-Ċentru stieden lill-NPBIs biex jagħmlu proposti għal inizjattivi ta' bejn EUR 100 000 u EUR 500 000 kull wieħed. Iċ-Ċentru kellu l-intenzjoni li jżomm is-Sejħa għal Proposti miftuħa sa Ġunju 2020, suġġetta għad-disponibbiltà kontinwa ta' finanzjament. Il-proposti kellhom jiġu aċċettati kull tliet xhur. L-ewwel ċiklu ta' proposti wasal fi Frar 2018. Disa' NPBIs ippreżentaw proposti, li minnhom sitta ngħataw valutazzjoni pożittiva u l-applikanti magħżula ġew mistiedna biex jinnegozjaw ftehim ta' finanzjament. Ftehim ta' finanzjament wieħed biss kien ġie ffirmat sal-31 ta' Diċembru 2018, minħabba t-tul tan-negozjati involuti. Sa tmiem l-2018, ma kienet iġġarrbet l-ebda spiża.

48 Fir-rieżami li wettaqna tal-**proċeduri ta' evalwazzjoni** għas-Sejħa għal proposti, aħna sibna li ċerti kriterji ta' evalwazzjoni ewlenin ma kellhomx rwol deċiżiv fil-valutazzjoni tal-proposti. Pereżempju, fil-każ tal-uniku ftehim ta' finanzjament iffirmat sa tmiem l-2018, l-applikant li ntgħażel kiseb inqas minn nofs il-punti disponibbli taħt il-kriterju "maturità tal-proposta u riżultati mistennija", li flimkien ammontaw għal inqas

[23] Skont l-SGA tas-sena 2016.

minn 20 % tal-punti totali mogħtija. Ir-riskju huwa li l-appoġġ mogħti jista' jkollu impatt żgħir fuq it-twassil ta' servizzi ta' konsulenza fil-livell lokali.

49 Fir-rigward tal-**BERŻ**, il-BEI ffirma Ftehim f'Marzu 2017 biex iċ-Ċentru jipprovdi appoġġ għall-Programm ta' Konsulenza tal-BERŻ għan-Negozji ż-Żgħar. Inizjalment, l-appoġġ taċ-Ċentru għall-programm kellu l-għan li jrawwem l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività fis-settur tal-SMEs fil-Bulgarija, il-Greċja u r-Rumanija. Il-Kroazja ġiet inkluża aktar tard permezz ta' modifika ġdida tal-SGA tal-2016[24]. Sabiex il-BERŻ ikollu dan ir-rwol, il-Kummissjoni u l-BEI kellhom jemendaw l-FPA u l-SGA tal-2016 li jkopru l-operat taċ-Ċentru. Dawn l-emendi żiedu l-kumplessità ġenerali tal-qafas legali u kuntrattwali taċ-Ċentru. Iċ-Ċentru bbaġitja EUR 5.0 miljun għall-kooperazzjoni mal-BERŻ, li minnhom il-BERŻ kien impenja EUR 2.4 miljun sa tmiem l-2018.

50 Fil-fehma tagħna, il-kumplessità legali kif ukoll ir-rieda u l-kapaċità differenti tal-NPBIs biex jikkooperaw ikkontribwew għat-tnaqqis fir-ritmu tal-progress lejn it-titjib tal-kopertura ġeografika tad-domanda għal servizzi ta' konsulenza appoġġati miċ-Ċentru u tat-twassil tagħhom. Ladarba ġiet stabbilita, il-kooperazzjoni mal-BERŻ iġġenerat għadd sinifikanti ta' assenjazzjonijiet fis-settur u fl-erba' pajjiżi kkonċernati (il-***Figura 6*** u l-***Figura 7***).

Evidenza limitata li turi li ċ-Ċentru għamel kontribut sinifikanti biex jiżdied il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment

51 Biex ikollu impatt, iċ-Ċentru kien jeħtieġ li jżid il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment. Il-mezzi prinċipali biex jinkiseb dan l-għan kienu permezz tal-ikkompletar tal-assenjazzjonijiet. Aħna eżaminajna l-evidenza disponibbli relatata mal-impatt tal-appoġġ taċ-Ċentru fuq il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment, b'mod partikolari fir-rigward tal-FEIS[25].

[24] Anness ġdid għall-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju pprovdut mill-BEI lill-BERŻ, l-SGA tal-2016.

[25] L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEIS jiddefinixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-użu tal-garanzija tal-UE taħt il-FEIS.

Segwitu insuffiċjenti għall-investimenti li rriżultaw mill-assenjazzjonijiet taċ-Ċentru

52 Il-proċeduri applikati miċ-Ċentru pprevedew biss il-**monitoraġġ** tal-ikkompletar tal-assenjazzjonijiet ("output"), aktar milli s-segwitu ta' jekk l-assenjazzjonijiet wasslux għal proġetti adatti għall-investiment ("riżultati") (il-***Kaxxa 4***). Ladarba kien ikun hemm qbil, il-konsulent taċ-Ċentru kien jikkollabora mas-servizz rilevanti tal-BEI biex jiżgura li t-twassil tal-assenjazzjoni jsir b'mod xieraq. Il-konsulent taċ-Ċentru kien responsabbli biex jiċċekkja li l-assenjazzjonijiet twasslu fil-ħin u skont il-baġit, filwaqt li s-servizz espert tal-BEI kien responsabbli biex jipprovdi l-appoġġ u jikkomunika mal-benefiċjarji. Iċ-Ċentru ma tax segwitu b'mod sistematiku mas-servizzi tal-BEI jew mal-benefiċjarji biex jivverifika jekk il-proġett kienx irċieva finanzjament permezz tal-BEI, il-FEIS jew sorsi oħra, jew jekk l-investiment kienx finalment seħħ. B'mod partikolari, iċ-Ċentru ma kellu ebda mod kif jiddetermina l-għadd ta' assenjazzjonijiet ikkompletati li attiraw investituri oħra minbarra l-BEI.

Kaxxa 4

Eżempju ta' arranġamenti ta' segwitu insuffiċjenti

F'waħda mill-assenjazzjonijiet inklużi fil-kampjun tagħna, it-talba riċevuta kienet għall-appoġġ ta' valutazzjoni tal-għażliet ta' finanzjament għal proġett fis-settur tat-teknoloġija avvanzata. L-awtorità pubblika kienet qed tiżviluppa pjan għall-investimenti (f'faċilitajiet għall-bini, tagħmir, u riċerka u żvilupp), li jkun jinvolvi bosta partijiet, inklużi entitajiet privati, banek u l-BEI. L-output tal-appoġġ taċ-Ċentru kien it-twassil, f'Jannar 2018, ta' konsulenza finanzjarja mid-Diviżjoni tas-Servizzi ta' Konsulenza ta' InnovFin tal-BEI. Iċ-Ċentru ma tax segwitu dwar jekk il-proġett kienx kiseb finanzjament (mill-BEI, mill-FEIS jew minn sorsi oħra) jew jekk kienx irriżulta f'investiment.

53 F'Ottubru 2018, iċ-Ċentru beda jibgħat formola ta' **feedback** lill-benefiċjarji li kienu għamlu użu miċ-Ċentru. Din il-formola kienet tkopri għadd ta' aspetti rigward is-sodisfazzjon tal-benefiċjarji bis-servizz ta' konsulenza, bħal sa liema punt ġew issodisfati l-ħtiġijiet tagħhom, il-kwalità tal-għarfien espert ipprovdut, u x'kien ġara mill-proġett tagħhom suċċessivament. Fiż-żmien meta sar l-awditu, iċ-Ċentru ma kienx analizza l-feedback riċevut mill-benefiċjarji.

54 Iċ-Ċentru fassal **indikaturi** ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ f'Lulju 2017, li huwa rrieżamina u aġġorna fi Frar 2018 biex jinkludi l-prijoritajiet il-ġodda ddefiniti fir-Regolament dwar il-FEIS 2.0 li ġie adottat f'Diċembru 2017. Aħna sibna li ħamsa minn tmien indikaturi ewlenin tal-output u s-sitt indikaturi kollha tar-riżultati taċ-Ċentru kellhom limitazzjonijiet (ara l-***Anness V*** għal aktar dettalji). Aħna sibna wkoll li l-qafas ma kienx jinkludi indikaturi dwar l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u ta' sħubiji pubbliċi-privati, li kienu jikkostitwixxu prijoritajiet li ġew miżjuda fir-Regolament dwar il-FEIS 2.0.

55 Fil-fehma tagħna, iċ-Ċentru ma kellux proċeduri suffiċjenti biex jagħti segwitu għall-investiment li rriżulta minn assenjazzjonijiet speċifiċi għall-proġett matul il-perjodu. In-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-riżultati tal-assenjazzjonijiet u l-limitazzjonijiet li jaffettwaw uħud mill-indikaturi għamluha diffiċli li tiġi mmonitorjata u evalwata l-prestazzjoni taċ-Ċentru f'dan ir-rigward.

Ftit assenjazzjonijiet taċ-Ċentru kienu ġew ikkompletati sa tmiem l-2018

56 Aħna sibna li ċ-Ċentru kien ikkompleta biss 89 assenjazzjoni konsultattiva sa tmiem l-2018, 27 minnhom ġew immaniġġjati direttament mis-servizzi tal-BEI, prinċipalment għall-benefiċjarji tas-settur pubbliku, u 62 kienu twettqu f'kooperazzjoni mal-BERŻ għall-SMEs li joperaw fis-settur privat. Bħala medja, il-BEI mmaniġġja assenjazzjonijiet li kienu jiswew madwar EUR 85 000 u ħa ftit aktar minn 14-il xahar biex jikkompletahom, filwaqt li l-BERŻ immaniġġja assenjazzjonijiet li kienu jiswew madwar EUR 18 000 u ħa inqas minn 6 xhur biex jikkompletahom. Għal 32 mid-89 assenjazzjoni kkompletata li għalihom kien hemm informazzjoni disponibbli, l-istima medja għall-investiment relatat ma' assenjazzjoni kkompletata u mmaniġġjata mill-BEI kienet ta' EUR 301 miljun, meta mqabbla ma' EUR 1.3 miljun għall-assenjazzjonijiet relatati mal-SMEs, li ġew ikkompletati f'kooperazzjoni mal-BERŻ. Tliet assenjazzjonijiet ikkompletati kienu relatati ma' operazzjonijiet tal-FEIS li ġew approvati jew iffirmati sal-31 ta' Diċembru 2018.

57 Il-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet ikkompletati kienu relatati ma' SMEs fir-Rumanija (51 minn 89, jew 57 %), minħabba l-għadd kbir ta' assenjazzjonijiet li twettqu f'dan il-pajjiż f'kooperazzjoni mal-BERŻ. Għas-27 assenjazzjoni kkompletata u mmaniġġjata direttament mis-servizzi tal-BEI, l-ogħla għadd ta' assenjazzjonijiet fi Stat Membru partikolari kien ta' 4 (il-Polonja), u ma ġiet ikkompletata l-ebda assenjazzjoni fi 13-il Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2018.

58 Il-maġġoranza l-kbira tal-assenjazzjonijiet ikkompletati kienu speċifiċi għall-proġett (85 minn 89, jew 96 %) u l-biċċa l-kbira minn dawn involvew pariri tekniċi dwar proġetti fi stadju bikri (77 minn 85). B'riżultat ta' dan, mhuwiex ċert jekk dawn il-proġetti humiex finalment se jattiraw l-investiment.

59 Fil-fehma tagħna, iċ-Ċentru kien ikkompleta ftit wisq assenjazzjonijiet biex ikollu impatt sinifikanti fuq il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment sa tmiem l-2018, u tliet assenjazzjonijiet kienu relatati ma' operazzjonijiet tal-FEIS li ġew approvati jew iffirmati. L-assenjazzjonijiet ikkompletati kienu kkonċentrati b'mod qawwi fis-settur tal-SMEs fir-Rumanija u fil-Bulgarija. Billi l-appoġġ taċ-Ċentru kien prinċipalment relatat ma' proġetti li kienu fi stadju bikri, huwa jista' jkollu biss effetti fuq terminu itwal. Madankollu, l-assenjazzjonijiet individwali jistgħu jikkontribwixxu biex isiru investimenti kbar li huma ħafna ogħla mill-ispiża għall-provvediment tas-servizz ta' konsulenza.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

60 Il-konklużjonijiet tagħna jirrigwardaw l-istabbiliment u l-operat taċ-Ċentru sa tmiem l-2018. Aħna nikkonkludu li f'dak iż-żmien iċ-Ċentru kien għadu ma tax prova li huwa għodda effettiva biex tingħata spinta lill-investiment fl-UE.

61 Aħna sibna li ċ-Ċentru ġie stabbilit bħala għodda "xprunata mid-domanda", u b'valutazzjoni minn qabel limitata tal-ħtiġijiet ta' konsulenza li huwa jkun jindirizza, kif ukoll tal-livell ta' domanda li x'aktarx kellu jirċievi, jew tal-ammont ta' riżorsi li jkun jeħtieġ. F'dan il-każ, iċ-Ċentru kien irċieva ftit talbiet li setgħu wasslu għal assenjazzjonijiet meta mqabbla mar-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu. B'mod partikolari, l-għadd ta' talbiet riċevuti direttament permezz tas-sit web taċ-Ċentru jew mill-NPBIs iġġenera ftit assenjazzjonijiet li kienu jirrikjedu l-appoġġ taċ-Ċentru (il-paragrafi ***13***-***23***).

Rakkomandazzjoni 1 - Tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru

Jenħtieġ li l-Kumitat ta' Koordinazzjoni taċ-Ċentru jiżviluppa aktar il-kooperazzjoni mal-NPBIs sabiex itejjeb l-aċċess lokali għall-appoġġ taċ-Ċentru.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul il-bqija tal-perjodu ta' implimentazzjoni taċ-Ċentru (sa tmiem l-2020)

62 Aħna sibna li, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, iċ-Ċentru laħaq l-għan li jipprovdi servizzi ta' konsulenza mfassla apposta li ssodisfaw ħafna lill-benefiċjarji li rċevew l-appoġġ tiegħu. Madankollu, huwa ma kellux strateġija ċara biżżejjed jew ma kienx stabbilixxa l-kriterji u l-proċeduri biex l-appoġġ jiġi mmirat fejn jista' jipprovdi l-aktar valur miżjud, minkejja li rreġistra l-biċċa l-kbira mill-informazzjoni meħtieġa biex jagħmel dan. Aħna sibna li xi benefiċjarji esprimew dubji dwar l-addizzjonalità tal-appoġġ taċ-Ċentru fir-rigward ta' sorsi oħra ta' konsulenza, u ftit aktar minn 1 % tal-operazzjonijiet finanzjarji appoġġati mill-FEIS matul il-perjodu kienu bbenefikaw minn assenjazzjoni taċ-Ċentru. Filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet kienu f'setturi u fi Stati Membri bi prijorità għolja, ftit kienu dawk li huma relatati mas-setturi prijoritarji għall-Istati Membri bl-ogħla ħtiġijiet ta' konsulenza. Għaldaqstant, kien jinħtieġ approċċ aktar proattiv biex jiġu mmirati aħjar il-ħtiġijiet ta' konsulenza kumplessivi mhux issodisfati. Barra minn hekk, minkejja l-isforzi taċ-Ċentru, il-kooperazzjoni mas-sħab bil-għan li titjieb il-kopertura ġeografika żviluppat bil-mod minħabba kumplessità legali kif ukoll ir-rieda u l-kapaċità differenti tal-NPBIs biex jikkooperaw. Ladarba ġiet stabbilita, il-kooperazzjoni mal-BERŻ iġġenerat għadd sinifikanti ta' assenjazzjonijiet fis-settur tal-SMEs fl-erba' pajjiżi kkonċernati (il-paragrafi ***25***-***50***).

Rakkomandazzjoni 2 – Jiġi immirat aħjar l-appoġġ lejn il-prijoritajiet

Jenħtieġ li l-Kumitat ta' Koordinazzjoni taċ-Ċentru jagħmel sforz biex jimmira l-appoġġ u r-riżorsi tiegħu aħjar billi:

(i) jiddefinixxi l-kriterji speċifiċi għall-valutazzjoni tal-valur għall-appoġġ ta' konsulenza, inkluża l-addizzjonalità fir-rigward ta' programmi oħra tal-UE, tipi ta' appoġġ, impatt potenzjali fuq l-investiment, kif ukoll setturi u żoni ġeografiċi;

(ii) itejjeb il-proċeduri ta' skrinjar għall-valutazzjoni tal-valur ta' assenjazzjonijiet potenzjali sabiex jiġi mmassimizzat il-kontribut taċ-Ċentru għall-prijoritajiet identifikati għall-appoġġ ta' konsulenza;

(iii) jiżviluppa aktar il-kooperazzjoni mal-NPBIs biex tittejjeb il-kopertura ġeografika tad-domanda għal servizzi ta' konsulenza appoġġati miċ-Ċentru u t-twassil tagħhom.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul il-bqija tal-perjodu ta' implimentazzjoni taċ-Ċentru (sa tmiem l-2020)

63 Barra minn hekk, aħna sibna li ċ-Ċentru ma kellux proċeduri suffiċjenti biex jagħti segwitu għall-investimenti li rriżultaw mill-assenjazzjonijiet taċ-Ċentru matul il-perjodu. In-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-riżultati tal-assenjazzjonijiet u l-limitazzjonijiet li jaffettwaw uħud mill-indikaturi tal-prestazzjoni taċ-Ċentru għamluha diffiċli li tiġi mmonitorjata u evalwata l-prestazzjoni taċ-Ċentru f'dan ir-rigward. Fi kwalunkwe każ, iċ-Ċentru kien ikkompleta ftit wisq assenjazzjonijiet sa tmiem l-2018 biex ikollu impatt sinifikanti fuq il-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment. B'kollox, iċ-Ċentru kien ikkompleta biss 89 assenjazzjoni sa tmiem l-2018, u tlieta kienu relatati ma' operazzjonijiet tal-FEIS li ġew approvati jew iffirmati. L-assenjazzjonijiet ikkompletati kienu kkonċentrati b'mod qawwi fis-settur tal-SMEs fir-Rumanija u fil-Bulgarija. Il-biċċa l-kbira mill-assenjazzjonijiet kienu relatati mal-istadji bikrin taċ-ċiklu tal-investiment tal-proġetti, għalhekk dawn jista' jkollhom biss effetti fuq terminu itwal. Assenjazzjonijiet individwali jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex isiru investimenti kbar li huma ħafna ogħla mill-ispiża għall-provvediment tas-servizz ta' konsulenza. B'mod ġenerali, aħna konna sibna evidenza limitata li tindika li ċ-Ċentru għamel kontribut sinifikanti għall-forniment ta' proġetti adatti għall-investiment sa tmiem l-2018 (il-paragrafi ***53***-***59***).

Rakkomandazzjoni 3 – Isir titjib fil-kejl tal-prestazzjoni

Biex jimmonitorja u jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu, jenħtieġ li l-Kumitat ta' Koordinazzjoni taċ-Ċentru:

(i) jagħti segwitu għar-riżultati relatati mal-provvediment tal-appoġġ ta' konsulenza (jiġifieri jekk l-assenjazzjonijiet wasslux għal proġetti adatti għall-investiment);

(ii) jiżviluppa indikaturi relatati mar-riżultati kif ukoll miri, fejn ikun xieraq;

(iii) iqabbel l-ispejjeż reali ta' kull assenjazzjoni speċifika għall-proġett ikkompletata miċ-Ċentru mar-riżultati tiegħu f'termini ta' investiment mistenni, bl-iskop li jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni taċ-Ċentru.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: matul il-bqija tal-perjodu ta' implimentazzjoni taċ-Ċentru (sa tmiem l-2020, u għar-Rakkomandazzjoni 3(iii) sa tmiem l-2021)

64 Fl-aħħar nett, l-awditu li wettaqna wera li n-nuqqasijiet fil-mod kif iċ-Ċentru kien ġie stabbilit kienu diffikultużi biex jiġu indirizzati matul il-fażi ta' implimentazzjoni, u li dawn kienu affettwaw il-prestazzjoni. Taħt il-Programm InvestEU għall-perjodu 2021-2027, qed jiġi propost li ċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU, immaniġġjat u ospitat mill-Kummissjoni, se jkopri 13-il inizjattiva ta' konsulenza tal-UE li attwalment huma disponibbli u mmaniġġjati b'mod ċentrali, inkluż iċ-Ċentru attwali. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika u ttejjeb l-arranġamenti eżistenti għall-koordinazzjoni u tipprovdi servizzi ta' konsulenza biex jiġi appoġġat l-investiment.

Rakkomandazzjoni 4 – It-tagħlimiet li ttieħdu miċ-Ċentru jiġu inkorporati fiċ-Ċentru ta' Konsulenza tal-InvestEU

Biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel bejn iż-żewġ inizjattivi u biex it-tagħlimiet prinċipali li ttieħdu mill-operat taċ-Ċentru jiġu inkorporati fiċ-Ċentru ta' Konsulenza futur tal-InvestEU, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(i) tivvaluta l-ħtiġijiet ta' konsulenza u d-domanda probabbli għal inizjattivi ta' konsulenza mmirati fuq il-bażi tal-esperjenza li nkisbet matul il-perjodu 2015-2020;

(ii) timmira l-assistenza ta' konsulenza fuq il-ħtiġijiet ta' konsulenza mhux issodisfati u fuq l-iżvilupp ta' proġetti li potenzjalment jistgħu jingħataw appoġġ taħt il-garanzija InvestEU;

(iii) tibni fuq il-kooperazzjoni diretta mal-NPBIs biex titjieb il-kopertura ġeografika tas-servizzi ta' konsulenza;

(iv) tiżviluppa approċċ aktar proattiv permezz ta' preżenza fil-livell lokali bil-għan li jiġu ġġenerati talbiet għal servizzi ta' konsulenza;

(v) tirrinforza l-aċċess għal servizzi ta' konsulenza tal-UE permezz tat-tfassil tas-sit web taċ-Ċentru ta' Konsulenza l-ġdid tal-InvestEU u l-promozzjoni tal-użu tiegħu; u

(vi) tiżviluppa qafas xieraq għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni, li jkopri l-ispejjeż u l-benefiċċji għall-provvediment ta' servizzi ta' konsulenza.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: sa tmiem l-2021

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla V, immexxija mis-Sur Tony Murphy, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-31 ta' Marzu 2020.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner Lehne
Il-President

Annessi

Anness I – Inizjattivi ta' Assistenza Teknika tal-UE mmaniġġjati b'mod ċentrali taħt il-QFP attwali

Inizjattiva ta' AT	Maniġer ta' AT	Fornitur(i) ta' AT	Bażi tat-tariffa	Kondiviżjoni tal-ispejjeż UE / BEI		Spiża koperta mill-benefiċjarju	Ammont (bagit tal-UE)	Perjodu ta' implimentazzjoni
				UE	BEI		(EUR)	
EIAH (Ċentru)	BEI	BEI/istituzzjonijiet finanzjarji oħra (BERŻ/NPBs)/ Konsulenti esterni	Kopertura tal-ispejjeż (rati tal-FAFA)	75 %	25 %	Privati biss; li minnhom sa 33 % għall-SMEs	110 000 000	2015-2020
ELENA	BEI	Konsulenti esterni	6 % tal-AT ipprovduta	100 %	0	Mill-inqas 10 % tal-AT ipprovduta	279 000 000	2014-2020
H2020-Sejħa għal Proposti dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija-Assistenza għall-Iżvilupp ta' Proġetti	EASME	Konsulenti esterni	m/a				50 000 000	2014-2020
Servizzi ta' Konsulenza ta' InnovFin	BEI	BEI	Kopertura tal-ispejjeż (rati tal-FAFA)	100 %	0	0	28 000 000	2014-2020
Assistenza Teknika tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-EEEF	Ftehim ta' sottodelega bejn il-BEI u l-maniġer tal-Fond tal-EEEF (Deutsche Bank)	Konsulenti esterni	6.5 % tal-AT ipprovduta	100 %	0	10 % tal-AT allokata	20 000 000	2012-2017

Inizjattiva ta' AT	Maniġer ta' AT	Fornitur(i) ta' AT	Bażi tat-tariffa	Kondivižjoni tal-ispejjeż UE / BEI		Spiża koperta mill-benefiċjarju	Ammont (bagit tal-UE)	Perjodu ta' implimentazzjoni
				UE	BEI		(EUR)	
FNE	BEI	BEI / Konsulenti esterni	Kopertura tal-ispejjeż (rati tal-FAFA)	90 %	10 %	0	1 262 170 għal Jaspers fl-2015 3 000 000 għal Jaspers fl-2018	2015-2018
NCFF	BEI	Konsulenti esterni	5 % tal-kontribuzzjoni impenjata mill-UE	100 %	0	0 (Benefiċjarju jista' jintalab għal kontribuzzjoni finanzjarja fuq bażi ta' każ b'każ)	10 000 000	2015-2019 + (estensjoni taħt kunsiderazzjoni)
PF4EE	BEI	BEI / Intermedjarji finanzjarji	6 % tal-kontribuzzjoni impenjata mill-UE	100 %	0	0	3 200 000	2014-2019
Faċilità ta' Assistenza Teknika tal-EEEF	Maniġer tal-Fond tal-EEEF	Konsulenti esterni ingaġġati mill-EEEF	20 % tal-AT żborżata	–	–	0	Suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi (dħul tal-EEEF f'sekwenzi)	2017+
FNE _ Stati Membri	Maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja/Ministeri	Konsulenti esterni	Spejjeż reali	100 %	0	0	17 021 785	2014-2020
Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti għall-modernizzazzjoni industrijali	GROW	Konsulenti esterni		100 %	m/a		1 500 000	2018-2020
City Facility	ENER/EASME	Aġenzija Eżekuttiva		m/a			16 000 000	2019-2023

Inizjattiva ta' AT	Maniġer ta' AT	Fornitur(i) ta' AT	Bażi tat-tariffa	Kondivižjoni tal-ispejjeż UE / BEI		Spiża koperta mill-benefiċjarju	Ammont (bagit tal-UE)	Perjodu ta' implimentazzjoni
				UE	BEI		(EUR)	
Islands Facility	ENER	Estern(i)		m/a			10 000 000	2018-2020
EaSI JASPERS	EMPL BEI	Konsulenti esterni BEI	Kopertura tal-ispejjeż (rati tal-FAFA)	80 %	20 %	0	13 000 000 233 650 000	2014-2020
TOTAL							795 633 955	

Anness II – Metodoloġija tal-awditjar

— Aħna bbażajna s-sejbiet tagħna fuq:

— analiżi dokumentarja ta' dokumenti ewlenin relatati maċ-Ċentru u ma' inizjattivi ta' konsulenza preeżistenti, inklużi:

- bażi ġuridika u dokumenti ta' politika;
- qafas finanzjarju u kuntrattwali;
- dokumentazzjoni ta' governanza (eż. dokumenti tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni taċ-Ċentru);
- proċeduri ta' ġestjoni;
- programmi ta' ħidma annwali (AWPs);
- rappurtar tal-attività;

— intervisti ma' membri tal-persunal tal-BEI/taċ-Ċentru u ma' uffiċjali mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni (DĠ ECFIN, DĠ RTD, DĠ GROW, DĠ MOVE, DĠ ENER, DĠ REGIO);

— analiżi tad-*data* miżmuma fis-sistema ta' ġestjoni taċ-Ċentru kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2018 dwar it-talbiet għal servizzi ta' konsulenza;

— rieżami tat-trattament ta' 18-il talba li ntbagħtu liċ-Ċentru għall-għoti ta' servizzi ta' konsulenza, inkluż 15-il talba li għalihom ġew allokati riżorsi speċifiċi taċ-Ċentru (assenjazzjonijiet taċ-Ċentru);

Element fil-kampjun #	Identifikazzjoni tat-talba	Sena tat-talba	Pajjiż	Settur ewlieni għall-intervent ta' konsulenza	Status tat-talba
1	**0021**	2015	Is-Slovenja	Żvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport, u tagħmir u teknoloġiji innovattivi għat-trasport	Allokata
2	**0263**	2016	Il-Portugall	Żvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport, u tagħmir u teknoloġiji innovattivi għat-trasport	Magħluqa
3	**0228**	2016	Ċipru	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	Magħluqa
4	**0187**	2016	Ir-Rumanija	Kapital uman, kultura u saħħa	Allokata
5	**0196**	2016	Il-Lussemburgu	Żvilupp u użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	Allokata
6	**0608**	2017	L-Irlanda	Riċerka, żvilupp u innovazzjoni	Allokata
7	**0414**	2017	Il-Bulgarija	Oħrajn	Allokata
8	**0440**	2017	Ebda Pajjiż Speċifiku	Riċerka, żvilupp u innovazzjoni	Allokata
9	**0405**	2017	Ebda Pajjiż Speċifiku	Żvilupp tas-settur tal-enerġija	Allokata
10	**0521**	2017	Franza	Żvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport, u tagħmir u teknoloġiji innovattivi għat-trasport	Magħluqa
11	**0002ELENA**	2017	Id-Danimarka	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	Allokata
12	**0594**	2017	Franza	Riċerka, żvilupp u innovazzjoni	Allokata
13	**0370**	2017	Il-Polonja	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	Magħluqa
14	**0437**	2017	Il-Polonja	Kapital uman, kultura u saħħa	Allokata
15	**0843**	2018	Franza	Agrikoltura	Allokata
16	**0711**	2018	Il-Kroazja	Oħrajn	Allokata
17	**0777**	2018	Ebda Pajjiż Speċifiku	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	Allokata
18	**0016EBRD**	2018	Ir-Rumanija	Żvilupp u użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	Magħluqa

— Stħarriġ indirizzat lill-NPBIs li kkooperaw maċ-Ċentru fil-31 ta’ Diċembru 2018. Dan intbagħat fit-28 ta’ Frar 2019 lil 25 bank u istituzzjoni promozzjonali nazzjonali li jikkooperaw maċ-Ċentru. Id-data ta’ skadenza finali għar-risposti kienet id-9 ta’ April 2019. Minn 18-il Stat Membru, 20 istituzzjoni rrispondew għall-kwestjonarju;

— Stħarriġ elettroniku indirizzat lill-benefiċjarji finali tal-appoġġ taċ-Ċentru matul il-perjodu. Aħna bgħatna l-istħarriġ, fl-4 ta’ Marzu 2019, lil 88 benefiċjarju finali li rċevew appoġġ miċ-Ċentru, u d-data ta’ skadenza għar-risposti kienet it-12 ta’ April 2019. Irċevejna risposti mingħand 43 benefiċjarju taċ-Ċentru minn 24 Stat Membru tal-UE.

Anness III – Memoranda ta' Qbil li ġew iffirmati bejn il-BEI u l-NPBIs (2015 sa 2018)

Pajjiż	Isem l-NPBI	MtQ iffirmat	Livell ta' Kooperazzjoni[26]
L-Awstrija	Austria Wirtschaftsservice Gesellschaft mbH (AWS)	2016	1
Il-Belġju	Participatiemaatschappij Vlaanderen (PMV)	2018	1
Il-Bulgarija	Fund Manager of Financial Instruments in Bulgaria (FMFIB)	2016	1,2
Il-Bulgarija	Bulgarian Development Bank (BDB)	2015	1
Il-Kroazja	Hrvatska Banka za Obnovu i Razvitak (HBOR)	2015	1
Ir-Repubblika Ċeka	Ceskomoravska Zarucni a Rozvojova Banka (CMZRB)	2016	1
Il-Finlandja	Finnvera	2017	1,2
Franza	Bpifrance	2016	1,3
Franza	Caisse des Dépôts et Consignations (CDC)	2016	1,2,3
Il-Ġermanja	NRW.Bank	2017	1
Il-Ġermanja	Kreditanstalt für Wiederaufbau (KfW)	2016	1

[26] Livell 1: Kondiviżjoni u tixrid tal-għarfien u l-aħjar prattiki;

Livell 2: Rwol ta' punt tad-dħul lokali għall-benefiċjarji potenzjali taċ-Ċentru; u

Livell 3: Twassil ta' servizzi ta' konsulenza f'isem iċ-Ċentru.

Pajjiż	Isem l-NPBI	MtQ iffirmat	Livell ta' Kooperazzjoni[26]
L-Ungerija	Hungarian Development Bank (MFB)	2015	1,2,3
L-Irlanda	Strategic Banking Corporation of Ireland (SBCI)	2016	1,2,3
L-Italja	Cassa Depositi e Prestiti (CDP)	2016	1,3
Il-Latvja	Attistibas finansu institûcija Altum (ALTUM)	2015	1,2,3
Il-Litwanja	Investiciju ir versio garantijos (INVEGA)	2016	1,2
Il-Litwanja	Public Investment Development Agency (VIPA)	2016	1,2,3
In-Netherlands	Netherlands Investment Agency (NIA)	2016	1
Il-Polonja	Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK)	2016	1,2
Il-Polonja	Polish Bank Association, National Contact Point (ZBP)	2016	1,2
Il-Portugall	Instituiçâo Financeira de Desenvolvimento (IFD)	2018	1,2
Is-Slovakkja	Slovak Investment Holding (SIH)	2016	1,2
Is-Slovenja	SID Banka (SID)	2015	1,2,3
Spanja	Instituto de Credito Oficial (ICO)	2016	2
L-Iżvezja	Almi Företagspartner (ALMI)	2016	1

Anness IV – Qafas ta' prestazzjoni taċ-Ċentru

(a) Indikaturi tal-input/tal-attività (IA) relatati mal-attivitajiet taċ-Ċentru (jiġifieri "riżultati tanġibbli");

(b) Indikaturi tal-output (OI) relatati mal-effetti diretti ta' dawn l-attivitajiet; u

(c) Indikaturi tal-output/tar-riżultati (OR) relatati ma' dak li kisbu s-servizzi ta' konsulenza pprovduti lill-benefiċjarji.

Nru tal-KPI - Indikatur tal-output	9 Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)	Definizzjoni	12-il Indikatur Ewlieni ta' Monitoraġġ (KMIs)	Definizzjoni	Nru tal-KMI
OI.1	Għadd u distribuzzjoni tat-talbiet ittrattati u allokati (inklużi l-Pjattaformi ta' Investiment) **(OI.1)**	Jitkejjel l-għadd ta' talbiet allokati u ttrattati miċ-Ċentru (Distribuzzjoni skont is-settur, il-pajjiż, il-promotur pubbliku/privat, it-tip ta' assistenza meħtieġa)	Oriġini tat-talbiet: Sit web taċ-Ċentru / servizzi tal-BEI / sħab esterni / KE / oħra **(IA.1**)	Tiġi ddefinita l-oriġini tat-talba li rċieva ċ-Ċentru (Portal web, BEI, NPBs, KE, oħra)	**IA.1**
OI.2	Proporzjon u distribuzzjoni tat-talbiet li taw bidu għall-assistenza teknika (inkluż il-proporzjon stmat ta' talbiet addizzjonali) (OI.2)	Jitkejjel il-perċentwal tat-talbiet allokati li taw bidu għall-assistenza teknika	Proporzjon stmat ta' proġetti li jilħqu l-istat ta' tħejjija għall-investiment u l-għadd ta' investimenti ġġenerati **(OR.1)**	Jitkejjel il-perċentwal tat-talbiet riċevuti li jkunu laħqu l-istat ta' tħejjija għall-investiment kif ukoll il-perċentwal tat-talbiet riċevuti li jkunu mmaterjalizzaw fl-ekonomija reali	**OR.1**
			Għadd u volum ta' investimenti ġġenerati (permezz tal-FEIS u barra mill-FEIS)	Jitkejjel l-għadd u l-volum ta' investimenti ġġenerati mit-talbiet li rċieva ċ-Ċentru	**OR.2**

Nru tal-KPI - Indikatur tal-output	9 Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)	Definizzjoni		12-il Indikatur Ewlieni ta' Monitoraġġ (KMIs)	Definizzjoni	Nru tal-KMI
				Għadd ta' appoġġ ipprovdut għall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investiment **(OR.3)**	Jitkejjel l-għadd ta' Pjattaformi ta' Investiment potenzjali li jkunu ngħataw konsulenza	**OR.3**
				Għadd ta' pjattaformi ta' investiment iġġenerati **(OR.4)**	Jitkejjel l-għadd ta' Pjattaformi ta' Investiment iġġenerati	**OR.4**
				Indikatur tal-addizzjonalità li juża metriċi relatati mal-valur miżjud **(OR.5)**	Jitkejjel l-għadd ta' proġetti AT li twasslu miċ-Ċentru f'kull kategorija bħall-ħiliet, l-eliġibbiltà, il-volum, l-iskala/l-aspett multidimensjonali tat-talba	**OR.5**
OI.3	Ħin medju tal-ewwel rispons **(OI.3)**	Jitkejjel il-perjodu ta' żmien tat-talbiet riċevuti bejn id-data tal-wasla tagħhom u d-data tal-ewwel rispons lir-rikjedent. Jenħtieġ li dan jitqies bħala indikatur tal-attività		Stħarriġ dwar is-sodisfazzjon **(OI.7)**	Jitkejjel is-sodisfazzjon espress mill-utenti u l-benefiċjarji taċ-Ċentru permezz ta' proċedura ta' feedback formali	**OI.7**
OI.4	Għadd ta' sħubiji esterni **(OI.4)**	Jitkejjel l-għadd tal-MtQ jew tal-ftehimiet iffirmati ma' NPIs/istituzzjonijiet fiskali indipendenti/Stati Membri/Awtoritajiet Maniġerjali/Awtoritajiet Nazzjonali/Oħra (eż. assoċjazzjonijiet)		Jitkejjel l-għadd ta' sħubiji esterni li jsiru fornituri ta' servizzi (kooperazzjoni tal-Livell 3 tal-MtQ) **(OR.6)**	Jitkejjel l-għadd ta' sħubiji esterni li jkunu laħqu l-kooperazzjoni tal-Livell 3 bħala fornitur ta' servizzi taħt il-kappa taċ-Ċentru	**OR.6**
OI.5	Għadd ta' avvenimenti, laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma b'ħafna sħab, li ġew organizzati u li għalihom kien hemm attendenza**(OI.5)**	Jitkejjel l-għadd ta' avvenimenti organizzati miċ-Ċentru kif ukoll l-għadd ta' drabi fejn ir-rappreżentanti taċ-Ċentru/tad-dipartimenti ta' konsulenza pparteċipaw f'avvenimenti esterni		Livell ta' attendenza għal avvenimenti, laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma b'ħafna sħab, li ġew organizzati **(OI.8)**	Jitkejjel l-għadd u t-tip ta' parteċipanti għal avvenimenti, laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma organizzati	**OI.8**
OI.6	Perċentwal tal-baġit annwali impenjat u użat **(OI.6)**	Jitkejjel il-perċentwal tal-allokazzjoni tal-baġit annwali li tiġi impenjata u użata		Ammont ta' żmien stmat allokat mis-sħab taċ-Ċentru bħala fornituri ta' servizzi għal servizzi ta' konsulenza f'ismu (kooperazzjoni tal-Livell 3 tal-MtQ) **(OI.9)**		**OI.9**
OI.10	Livell ta' maturità tal-proġetti appoġġati qabel u wara l-intervent taċ-Ċentru			Għadd ta' proġetti appoġġati li jinvolvu kombinamenti ma' sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE (FSIE, FNE, H2020) (OI.12)	Jitkejjel l-ammont ta' proġetti appoġġati miċ-Ċentru li huma kkombinati ma' sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE	

Nru tal-KPI - Indikatur tal-output	9 Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs)	Definizzjoni		12-il Indikatur Ewlieni ta' Monitoraġġ (KMIs)	Definizzjoni	Nru tal-KMI
OI.11	Għadd ta' proġetti appoġġati miċ-Ċentru (jiġifieri l-Azzjoni Klimatika, l-Ekonomija Ċirkolari, is-Settur Diġitali, il-Kooperazzjoni Transfruntiera)			Proporzjon tar-riekwilibriju ġeografiku bejn l-Istati Membri tal-Koeżjoni u dawk mhux tal-Koeżjoni, għall-proġetti allokati (OI.13)	Titkejjel id-distribuzzjoni ta' proġetti allokati miċ-Ċentru fil-pajjiżi tal-Koeżjoni u f'dawk mhux tal-Koeżjoni	
IA.3	Għadd ta' talbiet riċevuti minn NPBIs	Jitkejjel l-għadd ta' talbiet li jkunu ġew mill-NPBIs u li ġew riċevuti miċ-Ċentru				

Anness V – Analiżi mwettqa mill-QEA tal-indikaturi tal-monitoraġġ tal-output u tar-riżultati taċ-Ċentru

Indikatur tal-output taċ-Ċentru	Deskrizzjoni	Limitazzjoni
IA.3	"Għadd ta' talbiet riċevuti mingħand l-NPBIs"	Dan l-indikatur il-ġdid mhuwiex relatat mar-Regolament emendat dwar il-FEIS u seta' ġie ddefinit qabel, billi huwa jkejjel subkategorija tal-oriġini tat-talbiet riċevuti miċ-Ċentru li jkunu diġà koperti minn KMI ieħor (**IA.1**: "Oriġini tat-talbiet")
OI.2	"Proporzjon u distribuzzjoni ta' talbiet li taw bidu għall-assistenza teknika"	Dan l-indikatur huwa bbażat fuq il-kalkolu tal-perċentwal ta' "talbiet allokati" li kienu taw bidu għall-assistenza teknika. Madankollu tipi oħra ta' talbiet jistgħu jimmobilizzaw l-għarfien espert taċ-Ċentru (eż. informazzjoni ġenerali, proposta għal kooperazzjoni, talba għal finanzjament jew konsulenza finanzjarja)
OI.3	"Ħin medju tal-ewwel rispons"	Dan l-indikatur ma jkejjilx output tal-attività taċ-Ċentru. Iż-żmien li jittieħed biex jingħata rispons inizjali għal talba jippermetti li jitkejjel element tal-proċess tal-għoti ta' konsulenza
OI.5	"Perċentwal tal-baġit annwali impenjat u użat"	Dan l-indikatur ikejjel l-input (l-użu li jsir mill-għotja taċ-Ċentru) aktar milli l-output (servizzi mwassla)
OI.10	"Livell ta' maturità tal-proġetti appoġġati qabel u wara l-intervent taċ-Ċentru"	Ma kien hemm l-ebda ċifra disponibbli għall-indikatur il-ġdid fiż-żmien meta sar l-awditu (jiġifieri fir-rapport tekniku tal-2018). Iċ-Ċentru beda jirreġistra l-informazzjoni dwar il-maturità ta' proġetti qabel l-intervent fis-sistemi tal-ġestjoni fit-tieni nofs tal-2018 biss (l-ebda informazzjoni ma kienet għadha ġiet irreġistrata dwar il-maturità wara l-intervent)
OI.11	"Għadd ta' proġetti appoġġati miċ-Ċentru, jiġifieri l-Azzjoni Klimatika, l-Ekonomija Ċirkolari, is-Settur Diġitali, il-Kooperazzjoni Transfruntiera"	Ma kien hemm l-ebda ċifri disponibbli għall-indikatur il-ġdid fiż-żmien meta sar l-awditu (jiġifieri fir-rapport tekniku tal-2018), madankollu, aħna osservajna li l-utilità tal-informazzjoni rreġistrata hija limitata minħabba l-fatt li ma jintużawx kodiċijiet separati għal kull prijorità.

Indikatur tar-riżultati taċ-Ċentru	Definizzjoni	Limitazzjoni
OR.1	"Proporzjon stmat ta' proġetti li jilħqu l-istat ta' tħejjija għall-investiment u l-għadd ta' investimenti ġġenerati"	Dan l-indikatur għandu l-għan li jkejjel il-perċentwal ta' talbiet riċevuti li jkunu laħqu l-istat ta' tħejjija għall-investiment kif ukoll il-perċentwal ta' talbiet riċevuti li jkunu mmaterjalizzaw f'investiment reali. Il-ġestjoni taċ-Ċentru rrappurtat li 47 minn 104 proġetti allokati kienu mmaterjalizzaw f'investiment reali fil-31 ta' Diċembru 2018. Iċ-ċifra rrappurtata ma tikkorrispondix għad-definizzjoni tal-indikatur u mhijiex appoġġata minn rekords fid-database tal-ġestjoni.
OR.2	"Għadd u volum ta' investimenti ġġenerati (permezz tal-FEIS u barra mill-FEIS)"	Il-maniġment taċ-Ċentru rrapporta li, fil-31 ta' Diċembru 2018, kien hemm 16-il proġett li ġġeneraw investiment barra mill-FEIS, filwaqt li 28 proġett iġġeneraw investiment permezz tal-FEIS. Ir-rappurtar ma jikkorrispondix għad-definizzjoni tal-indikatur (mhuwiex ċar għal xiex l-"għadd ta' investimenti ġġenerati" qed jirreferi). Il-volum ta' investiment iġġenerat f'euro mhuwiex irreġistrat b'mod sistematiku fid-database tal-ġestjoni jew inkluż fir-rapport tekniku.
OR.3 u OR.4	"Għadd ta' appoġġ ipprovdut għall-istabbiliment ta' pjattaformi ta' investiment" u "Għadd ta' pjattaformi ta' investiment iġġenerati"	Dawn l-indikaturi jkejlu l-għadd ta' pjattaformi ta' investiment li ngħataw konsulenza u l-għadd ta' pjattaformi ġġenerati. Il-maniġment taċ-Ċentru jirrapporta li 33 pjattaforma ta' investiment potenzjali ngħataw konsulenza fil-31/12/2018, u 16 minnhom kienu ġew iġġenerati. Il-maniġment taċ-Ċentru rrapporta, f'nota ta' spjegazzjoni lill-awdituri, li 12-il talba allokata biss kienu relatati mal-istabbiliment potenzjali ta' Pjattaformi ta' Investiment. Iċ-Ċentru ma jżommx rekords dwar l-IPs reali ġġenerati.
OR.5	"Indikatur tal-Addizzjonalità li juża metriċi relatati mal-valur miżjud"	Dan l-indikatur huwa ddefinit abbażi tal-għadd ta' assenjazzjonijiet mwassla miċ-Ċentru f'"kull kategorija" (eż. il-ħiliet, l-eliġibbiltà, il-volum u l-iskala/l-aspett multidimensjonali tat-talba). Mhuwiex ċar liema "riżultati" għandhom jiġu rrappurtati taħt dan l-indikatur, billi t-Taqsimiet 2.5.2 u 2.5.3 tar-rapport tekniku jipprovdu analiżi statistika tat-trattament tat-talbiet riċevuti.
OR.6	"Għadd ta' sħubiji esterni li jsiru fornituri ta' servizzi"	L-indikatur ikejjel l-għadd ta' sħubiji esterni li l-kooperazzjoni tagħhom maċ-Ċentru tkun laħqet il-"Livell 3". Dan l-indikatur ikun deskritt b'mod aktar preċiż bħala li jkejjel attività taċ-Ċentru

Anness VI Talbiet li ntbagħtu liċ-Ċentru u li huma relatati ma' operazzjonijiet li ġew approvati jew iffirmati mill-BEI/taħt il-FEIS

Identifikazzjoni tat-talba mibgħuta liċ-Ċentru	Pajjiż	Settur	Data tal-wasla tat-talba fiċ-Ċentru	Status tat-talba fi ħdan iċ-Ċentru fil-31.12.2018	Data tal-iffirmar BEI/FEIS	Data tal-approvazzjoni BEI/FEIS
858	Il-Polonja	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	25/10/2018	Taħt valutazzjoni	05/9/2018	
843	Franza	Agrikoltura	1/10/2018	Allokata	23/11/2018	
815	Ir-Rumanija	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	13/8/2018	Allokata	17/12/2018	
766	Il-Polonja	Żvilupp tas-settur tal-enerġija	22/5/2018	Allokata	2/1/2019	
706	Il-Litwanja	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	13/3/2018	Allokata		9/10/2018
622	L-Italja	Ambjent u effiċjenza fir-riżorsi	8/12/2017	Allokata	22/5/2019	
621	Il-Bulgarija	Żvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport, u tagħmir u teknoloġiji innovattivi għat-trasport	6/12/2017	Magħluqa (ma nfetħet l-ebda assenjazzjoni, talba senjalata)	20/12/2018	
590	Il-Polonja	Kapital uman, kultura u saħħa	7/11/2017	Allokata	15/5/2018	
565	Franza, Spanja, il-Portugall	Oħrajn	20/9/2017	Allokata	12/11/2018	

461	Il-Belġju	Żvilupp tas-settur tal-enerġija	03/5/2017	Allokata		15/5/2018
437	Il-Polonja	Kapital uman, kultura u saħħa	25/4/2017	Allokata	18/10/2017	
003	Il-Latvja	Żvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport, u tagħmir u teknoloġiji innovattivi għat-trasport	22/7/2015	Allokata		18/7/2017

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

AT: Assistenza Teknika

AWP: Programm ta' Ħidma Annwali

BEI: Bank Ewropew tal-Investiment

BERŻ: Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp

Ċentru: Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti

CC: Kumitat ta' Koordinazzjoni

COP21: Il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

EaSI: Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali

EEEF: Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika

EIAH: Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti

ELENA: Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali

EPEC: Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP

FAFA: Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv bejn l-UE u l-BEI

FESI: Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

FNE: Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

FPA: Ftehim Qafas ta' Sħubija dwar iċ-Ċentru bejn l-UE u l-BEI

FSIE: Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

H2020: Orizzont 2020

IFA: Pariri Finanzjarji fl-Innovazzjoni

InnovFin: BEI - servizz ta' konsulenza għall-proġetti fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni

IPE: Pjan ta' Investiment għall-Ewropa

JASPERS: Assistenza Konġunta ta' appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej

KE: Il-Kummissjoni Ewropea

KPI/KMI: Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni / Indikaturi Ewlenin tal-Monitoraġġ

NPBI: Banek u Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali

PEPI: Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment

PF4EE: Finanzjament Privat għall-Effiċjenza Enerġetika

PI: Pjattaforma ta' Investiment

PPP: Sħubiji Pubbliċi-Privati

QEA: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

QFP: Qafas Finanzjarju Pluriennali

Regolament dwar il-FEIS: Ir-Regolament (UE) 2015/2017, li ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396

RŻI: Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni

SF: Strumenti Finanzjarji

SGA: Ftehim ta' Għotja Speċifiku

SME: Intrapriża Żgħira jew Medja

UE: L-Unjoni Ewropea

Glossarju

Assistenza Teknika: Appoġġ ta’ konsulenza li jingħata biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-promoturi u l-intermedjarji finanzjarji f'dak li jirrigwarda l-operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment fl-istadji kollha ta’ proġett ta’ investiment.

Baġit taċ-Ċentru: Ir-riżorsi disponibbli biex ikopru l-ispejjeż eliġibbli taċ-Ċentru.

Banek u Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali: Entitajiet legali impenjati f’attivitajiet finanzjarji fuq bażi professjonali, li għalihom Stat Membru, jew entità ta' Stat Membru f’livell ċentrali, reġjonali jew lokali, jagħtu mandat biex jitwettqu attivitajiet ta’ żvilupp jew ta’ promozzjoni.

Faċilità ELENA: Inizjattiva konġunta tal-BEI/tal-Kummissjoni Ewropea taħt il-programm Orizzont 2020 biex tipprovdi għotjiet għall-**assistenza teknika** mal-implimentazzjoni ta’ programmi relatati mal-effiċjenza fl-enerġija, mal-enerġija rinnovabbli distribwita u mat-trasport urban.

Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS): Mekkaniżmu ta’ appoġġ għall-investiment li tnieda mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u mill-Kummissjoni biex jimmobilizza l-investiment privat fi proġetti li huma ta’ importanza strateġika għall-UE. Magħruf ukoll bħala l-“Pjan Juncker”. Issa huwa integrat fil-Grupp tal-BEI.

Fond InvestEU: Il-Fond InvestEU se jkun il-programm suċċessur tal-FEIS u tal-istrumenti finanzjarji attwali mmaniġġjati b’mod ċentrali (bl-esklużjoni tal-istrumenti finanzjarji ta’ azzjoni esterna).

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE jew Fondi SIE): Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. Dawn il-fondi huma koperti minn sett ta’ regoli komuni.

JASPERS: Sħubija ta’ assistenza teknika bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-BEI u l-BERŻ, u li tipprovdi konsulenza indipendenti lill-pajjiżi benefiċjarji dwar it-tħejjija ta’ proġetti maġġuri ta’ kwalità għolja li għandhom jiġu kkofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta’ Koeżjoni.

Konsulenza tal-InvestEU: Il-mekkaniżmu li mill-2021 se jkun is-suċċessur taċ-Ċentru, u li jibni wkoll fuq inizjattivi oħra ta’ assistenza teknika (eż. ELENA u Servizzi ta' Konsulenza ta' InnovFin) biex jipprovdi appoġġ f’konformità mal-objettivi tal-Fond InvestEU.

Kumitat ta' Koordinazzjoni: Iċ-Ċentru huwa mmexxi minn Kumitat ta' Koordinazzjoni ta' erba' persuni, magħmul minn żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni u tnejn oħra mill-BEI. Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandu r-responsabbiltà li jirrieżamina l-istrateġija u l-politika, jissorvelja l-attivitajiet taċ-Ċentru, jirrapporta lill-partijiet ikkonċernati, jiddetermina s-servizzi, u japprova l-politika tal-ipprezzar.

Pjattaforma ta' Investiment: Arranġament speċjali stabbilit biex il-finanzjament jitwassal għal bosta proġetti ta' investiment fi Stat Membru wieħed, f'żona ġeografika dežinjata usa' jew f'settur speċifiku.

Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI): Portal web ospitat mill-Kummissjoni li permezz tiegħu l-promoturi ta' proġetti bbażati fl-UE – pubbliċi jew privati – jistgħu jikkuntattjaw lill-investituri potenzjali madwar id-dinja kollha.

Programm Operazzjonali "Assistenza Teknika": Dan għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-pajjiż fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (SIE).

Servizzi ta' Konsulenza ta' InnovFin: Servizzi ta' konsulenza pprovduti mill-BEI dwar il-mod kif jiġu strutturati l-proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni sabiex jitjieb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament. Fuq terminu twil, dawn iżidu l-opportunitajiet tagħhom li jiġu implimentati. Huma jipprovdu wkoll konsulenza biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' investiment permezz ta' attivitajiet, li mhumiex speċifiċi għall-proġett.

Sħubiji pubbliċi-privati: Arranġament kuntrattwali fuq terminu twil bejn il-gvern u sieħeb privat li fih dan tal-aħħar iwassal u jiffinanzja servizz pubbliku u jikkondividi r-riskji assoċjati.

Strument finanzjarju: Appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE fl-għamla ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità, self jew garanziji, jew strumenti oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji.

Tariffi taċ-Ċentru: It-tariffi imposti mill-BEI għas-servizzi mogħtija miċ-Ċentru.

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

"IĊ-ĊENTRU EWROPEW TA' KONSULENZA GĦALL-INVESTIMENTI: IMNIEDI BIEX TINGĦATA SPINTA LILL-INVESTIMENT FL-UE, L-IMPATT TAĊ-ĊENTRU GĦADU LIMITAT"

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u nħoloq permezz tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS). Il-FEIS kien previst li jkun inizjattiva xprunata mid-domanda biex jitrawwem l-investiment u jiġi indirizzat il-falliment tas-suq fl-Ewropa, mingħajr ebda preallokazzjoni settorjali jew ġeografika, filwaqt li wieħed jimmira lejn id-diversifikazzjoni. Dan japplika għall-EIAH, li huwa inizjattiva xprunata mid-domanda maħluqa bl-objettiv li tittejjeb il-kwalità tal-proġetti ta' investiment billi jiġu offruti appoġġ konsultattiv imfassal apposta għall-promoturi tal-proġetti kif ukoll permezz ta' aktar konsulenza upstream għall-bini tal-kapaċità.

V. Skont ir-Regolament tal-FEIS, l-EIAH ġie stabbilit biex iwettaq diversi kompiti, inkluż li jaġixxi bħala "*punt uniku ta' dħul għal mistoqsijiet relatati mal-assistenza teknika*". Huwa kien xprunat mid-domanda u kellu jikkunsidra t-talbiet kollha skont ir-Regolament tal-FEIS, inkluż talbiet għal appoġġ upstream. It-talbiet ta' konsulenza kollha trattati fil-fatt kienu konformi mal-prijoritajiet tar-Regolament tal-FEIS stabbiliti għall-EIAH.

Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (il-BEI) iqisu li l-EIAH jipprovdi appoġġ siewi biex tingħata spinta lill-investiment fil-proġetti madwar l-Unjoni. L-EIAH għamel sforzi sinifikanti biex jikseb diversifikazzjoni aħjar b'mod partikolari, bl-objettiv li tingħata prijorità lill-appoġġ għall-pajjiżi ta' koeżjoni, u li tiżdied il-kooperazzjoni mal-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali (NPBIs).

Barra minn hekk, l-appoġġ tal-EIAH għandu jinftiehem f'kuntest usa' peress li ċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett ta' investiment jitkejjel fi snin, b'mod partikolari fil-qafas aktar kumpless tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-settur pubbliku, bi stadji differenti li jeħtieġ li jiġu kkonsolidati qabel ma l-proġett jilħaq l-implimentazzjoni (li jirrikjedi finanzjament) u użu bħala investiment reali.

Il-Kummissjoni u l-BEI jikkunsidraw li għadu kmieni wisq biex wieħed jara l-impatt reali fuq l-investiment sa tmiem l-2018, u l-prestazzjoni tal-2019 diġà turi stampa differenti.

VI. L-istrateġija tal-EIAH hija stabbilita fir-Regolament tal-FEIS u fil-Ftehim Qafas ta' Sħubija tal-EIAH (FPA), irfinut kull sena fil-Programmi ta' Ħidma (AWP) sottostanti għall-Ftehimiet Speċifiċi ta' Għotja. Barra minn hekk, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-EIAH kmieni fil-proċess qabel biex speċifikament jimmira l-pajjiżi ta' koeżjoni u s-setturi prijoritarji. F'termini ta' kopertura ġeografika, żewġ terzi tal-assenjazzjonijiet immiraw il-pajjiżi ta' koeżjoni. Ir-Regolament FEIS 2.0 saħħaħ l-appoġġ proattiv tal-EIAH f'setturi jew reġjuni ta' prijorità u fl-appoġġ tal-FEIS. L-FPA tal-EIAH emendat f'April 2018 jirrifletti l-ħtiġijiet ta' proattività f'setturi/reġjuni speċifiċi.

L-addizzjonalità hija definita fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-FEIS fejn l-EIAH huwa mitlub biex "*jipprovdi servizzi flimkien ma' dawk diġà disponibbli taħt programmi oħra tal-Unjoni*". Barra minn hekk, il-fatt li jkun hemm tali għarfien espert disponibbli fis-suq u pprovdut minn sorsi ta' konsulenza pubbliċi u privati oħra ma jfissirx li dawk li jagħmlu t-talba ta' tali parir dejjem ikollhom aċċess xieraq għal tali kompetenza, minħabba l-ispejjeż, il-periferiċità, il-fehim jew ostakoli oħra bħal dawn.

Il-kooperazzjoni mal-NPBIs hija waħda mill-għodod ewlenin tal-EIAH biex jiżgura sensibilizzazzjoni lokali, u l-BEI għamel sforzi sinifikanti f'dan ir-rigward. L-EIAH stabbilixxa qafas ta' kooperazzjoni ma' 40 istituzzjoni msieħba, sabiex jistimula d-domanda lokali għal pariri, u kkonkluda Memoranda ta' Qbil (MtQ) ma' 25 NPBIs sa tmiem l-2018. Matul il-perjodu tal-awditu, l-EIAH organizza wkoll roadshows u diversi avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni, ta' bini ta' kapaċità u ta' kondiviżjoni tal-għarfien mal-NPBIs.

VII. Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament dwar il-FEIS, l-EIAH ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ ta' konsulenza għall-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment. Għaldaqstant, l-EIAH jappoġġa wkoll proġetti ta' investiment fi stadju bikri peress li dan is-servizz ta' konsulenza upstream huwa ta' spiss kritiku biex jgħin fl-iżvilupp ta' proġetti robusti. Huwa wera li huwa inizjattiva ta' suċċess biex jitħaffu l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' proġetti bankabbli. Madankollu, iż-żmien li normalment ikun hemm bżonn għal proġett ta' investiment, qabel ma l-proġett jilħaq maturità suffiċjenti biex jiġi kkunsidrat għall-finanzjament, jitkejjel fi snin.

Sa tmiem l-2018, 55 assenjazzjoni akbar tal-EIAH (jiġifieri esklużi inkarigi umbrella) li jappoġġaw proġetti bi spiża ta' investiment mistennija ta' EUR 14-il biljun kienu fil-pipeline ta' self tal-BEI. 28 minn dawn kienu proġetti ta' appoġġ li potenzjalment kienu eliġibbli għall-garanzija tal-FEIS. Is-sitwazzjoni fl-2019, wara l-awditu tal-QEA, diġà turi titjib sinifikanti, li jappoġġa l-pożizzjoni li se jkun meħtieġ perjodu twil biżżejjed biex jiġi vvalutat b'mod preċiż l-impatt tal-attività tal-EIAH lejn il-ġenerazzjoni ta' sensiela ta' proġetti robusti, u b'mod partikolari taħt il-FEIS.

VIII. Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tagħha bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha.

INTRODUZZJONI

02. Il-Kummissjoni u l-BEI jenfasizzaw li r-Regolament tal-FEIS jirrikjedi li l-EIAH jappoġġa proġetti li jsiru ekonomikament u teknikament vijabbli, ikun konsistenti mal-politiki tal-Unjoni u li jimmassimizzaw, fejn possibbli, il-mobilizzazzjoni ta' kapital privat. Proġetti bħal dawn mhux neċessarjament jeħtieġu l-appoġġ tal-FEIS.

05. L-attività ewlenija tal-EIAH hija biex jipprovdi appoġġ ta' konsulenza għall-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment. It-trattament tat-talbiet huwa parti mill-kompiti tad-diviżjoni tal-EIAH fil-BEI flimkien ma' kompiti oħra inkluż il-valutazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar servizzi ta' konsulenza li għandhom jiġu skjerati taħt l-EIAH. L-attivitajiet jinkludu wkoll il-komunikazzjoni kif ukoll iż-żamma ta' relazzjonijiet ma' sħab lokali.

OSSERVAZZJONIJIET

14. Il-valutazzjoni minn qabel tal-ħtiġijiet ta' konsulenza twettqet mit-Task Force Speċjali dwar l-investimenti fl-UE. Għadd ta' azzjonijiet ewlenin kienu identifikati mit-Task Force Speċjali fir-Rapport Finali tagħhom (Diċembru 2014), inkluża l-Assistenza Teknika. It-Task Force identifikat b'mod ċar fir-rapport il-ħtieġa għal dan li ġej:

a. Żieda fl-appoġġ għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġetti/programmi biex jassisti wkoll fl-għażla u d-disinn tal-pipelines ta' proġett/programm sa fejn ikun possibbli. Għandu jiġi promoss ċentru ta' konsulenza tal-UE għall-investiment biex jiġi żgurat servizz ta' konsulenza kontinwu u effettiv.

b. Pariri ta' strutturar ta' proġetti ffukati, inklużi l-bini tal-kapaċità u l-istandardizzazzjoni proċedurali, bħal sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs), bil-ħsieb li jiġi attirat investiment privat addizzjonali għal proġetti/programmi ta' sinifikat tal-UE u jiġu mrawma.

15. Il-Kummissjoni tinnota li l-EIAH ġie stabbilit bħala għodda mmexxija mid-domanda biex tkopri l-ħtiġijiet konsultattivi mhux milħuqa. Dan jispjega, in-nuqqas ta' miri speċifiċi tal-EIAH fir-Regolament tal-FEIS. Barra minn hekk, ir-Regolament FEIS 2.0 jinkludi aspettattivi fir-rigward tar-rwol tal-EIAH fl-appoġġ ta' prijoritajiet speċifiċi tal-UE u d-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-FEIS mingħajr madankollu ma jiġu speċifikati l-ebda miri.

Minkejja dan, l-EIAH kompla (u jkompli) l-isforzi tiegħu biex jikseb diversifikazzjoni settorjali ta' sensibilizzazzjoni, bini ta' kapaċità u servizzi ta' konsulenza dwar proġetti u strumenti finanzjarji. B'mod partikolari, bl-għan li tingħata prijorità lill-appoġġ għall-pajjiżi ta' koeżjoni, l-iskjerament ta' servizzi konsultattivi ġodda (skont ir-Regolament FEIS 2.0) u żieda fil-kooperazzjoni mal-NPBs. Kmieni fl-istabbiliment tal-EIAH, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-EIAH qabel li speċifikament jimmira pajjiżi ta' koeżjoni u setturi prijoritarji, kif stabbilit fil-Programmi ta' Ħidma tal-EIAH, u skont l-Artikolu 4(3)(a) tal-FPA.

16. Ir-Regolament FEIS 2.0 saħħaħ l-appoġġ proattiv tal-EIAH f'setturi jew reġjuni ta' prijorità. L-FPA, iffirmat mal-BEI dwar l-EIAH f'April 2018, qed jirrifletti l-ħtiġijiet ta' proattività f'setturi/reġjuni speċifiċi b'mod partikolari f'pajjiżi ta' koeżjoni b'livell baxx ta' użu tal-EFSI.

17. Il-komplementarjetà tal-EIAH hija minquxa bis-sħiħ fil-proċeduri attwali tal-EIAH. Il-konsulenti tal-EIAH għandhom rwol kritiku meta jiskrinjaw it-talbiet li jsiru. Kull assenjament għandu l-ispeċifiċità u ċ-ċirkostanzi tiegħu li jagħmluh eliġibbli jew mhux taħt inizjattiva tal-UE. Kif deskritt fl-Anness I, ħafna mill-offerta ta' appoġġ konsultattiv taħt il-QFP 2014–2020 titwettaq mill-BEI, li jissimplifika l-kontroll tal-komplementarjetà matul l-eżerċizzju ta' skrinjar/allokazzjoni ospitat mill-EIAH meta jirrieżamina t-talbiet ta' konsulenza li jkun imiss. Għalhekk, il-verifika tal-komplementarjetà tista' ssir b'mod faċli mit-tim tal-EIAH u tiġi indirizzata formalment permezz tal-proċess ta' skrinjar (kif deskritt fil-Manwal tal-Proċeduri EIAH). Dawn l-aspetti huma dawk li għandhom jiġu skrinjati u vvalutati mill-konsulent tal-EIAH sabiex jiġi deċiż jekk l-azzjoni EIAH proposta tistax tkun komplementarja jew le.

19. L-objettivi tal-EIAH huma usa' milli biss jittrattaw it-talbiet riċevuti u milli jagħtu appoġġ konsultattiv għal dawn it-talbiet. Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament FEIS, il-mandat tal-EIAH jinkludi wkoll il-provvediment ta' punt uniku ta' dħul għal assistenza teknika, il-

kooperazzjoni mal-NPBIs, l-appoġġ għall-objettivi tal-FEIS u l-provvista ta' pjattaforma ta' skambju bejn il-pari u l-kondiviżjoni ta' għarfien espert dwar l-iżvilupp tal-proġett.

Barra minn hekk, l-appoġġ għall-promoturi tal-proġetti jinkiseb ukoll mix-xogħol li sar mit-tim tal-EIAH dwar dawk it-talbiet li formalment ma kinux ikklassifikati bħala "assenjamenti", bħal talbiet għal taħlit tal-FNE, provvediment ta' konsulenza ħafifa, appoġġ permezz ta' għajnuna ta' direzzjoni mfassla apposta, eċċ.

20. Il-Kummissjoni u l-BEI jikkunsidraw li l-għadd ta' talbiet riċevuti mill-EIAH mhuwiex baxx u żdied kull sena minn mindu tnieda. L-użu ta' Espert kif ukoll sorsi esperti wkoll żiedu l-għadd ta' proġetti ammissibbli biex jingħata appoġġ konsultattiv.

Wara l-aġġornament għas-sit web tal-EIAH lejn tmiem l-2017, is-sit web b'mod effettiv idderieġa lil min għamel it-talba għal sett imfassal apposta ta' offerti ta' appoġġ konsultattiv alternattiv fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Appoġġ konsultattiv permezz tal-użu ta' kompiti "umbrella", li ppermettew b'mod aktar effiċjenti lill-esperti tal-BEI jipprovdu pariri strateġiċi f'ħin limitat lill-promoturi tal-proġetti mingħajr ma dawn jiġu rreġistrati bħala assenjamenti individwali fis-sistema ta' ġestjoni tal-EIAH. Dawn it-tipi l-oħra ta' talbiet, jiġifieri "indikati permezz permezz tal-espert" u l-assenjazzjonijiet tat-tip "umbrella" għandhom jitqiesu ukoll.

21. It-talbiet kollha rrapportati rċevew parir tekniku u finanzjarju permezz ta' esperti tal-BEI, programmi ma' istituzzjonijiet sħab u konsulenza esterna, u t-talbiet kollha ġew appoġġati b'fondi pprovduti mill-baġit tal-EIAH.

22. Il-kunċett tal-EIAH kien novità fl-ambjent ta' attivitajiet konsultattivi appoġġati mill-UE li ġew żviluppati minn nofs l-2015. In-natura tiegħu mmexxija mid-domanda (mhux marbuta ma' skema ta' finanzjament speċifiku) rendiet il-faži ta' rampa aktar fit-tul milli kien mistenni fil-bidu. L-EIAH kellu l-ewwel jiġi stabbilit fi ħdan il-BEI u kellu wkoll jistabbilixxi netwerk ma' NPBs. Dawk il-kompiti kollha ħadu xi ftit taż-żmien u ma kinux jeħtieġu riżorsi baġitarji massivi.

Barra minn hekk, bħala strumenti ta' għotja oħra tal-UE, il-Ftehimiet ta' Għotja Speċifiċi tal-EIAH għandhom perjodu ta' implimentazzjoni N+2/N+3, li għandu impatt dirett fuq il-konsum ġenerali tal-baġit. Parti mill-EUR 68.1 miljun disponibbli f'impenji baġitarji tal-UE għandhom perjodu ta' implimentazzjoni sa tmiem l-2020, b'hekk, l-EIAH ma setax jikkonsma qabel l-ammonti li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu sa tmiem l-2018.

Il-konsum baġitarju annwali tal-EIAH diġà qed ilaħħaq maż-żieda fl-assenjamenti konsultattivi mwettqa mill-EIAH.

24. It-tielet inċiż: Il-kooperazzjoni mal-NPBIs għandha l-għan li "*tiżgura kopertura wiesgħa tas-servizzi*" permezz ta' pariri lokali. Hija maħsuba wkoll biex tibni l-kapaċità tal-NPBIs biex jiżviluppaw u jipprovdu appoġġ ta' konsulenza u dan huwa attwalment l-użu ewlieni tas-Sejħa għal Proposti għall-NPBs.

28. It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 28 u 29.

L-istrateġija tal-EIAH hija stabbilita fir-Regolament tal-FEIS u fil-Ftehim Qafas ta' Sħubija tal-EIAH, irfinut kull sena fil-Programmi ta' Ħidma (AWPs) sottostanti għall-Ftehimiet

Speċifiċi ta’ Għotja. Skont id-deċiżjoni tal-Kumitat ta’ Koordinazzjoni tal-EIAH, l-AWPs tal-EIAH għandhom jitqiesu bħala l-istrateġija EIAH.

Għalkemm ir-Regolament tal-FEIS ma jitlob l-ebda mira jew stadju importanti għall-EIAH maħluq bħala inizjattiva mmexxija mid-domanda, l-AWPs tal-EIAH marru lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-FEIS u waqqfu riżultati tanġibbli u dati ta’ mira f’kull wieħed minnhom, li huma mmonitorjati mill-qrib permezz ta’ firxa ta’ indikaturi. B’mod speċifiku, il-Kumitat ta’ Koordinazzjoni tal-EIAH kmieni fil-proċess qabel biex jimmira l-pajjiżi ta’ koeżjoni u s-setturi prijoritarji. F’termini ta’ kopertura ġeografika, 65% tal-assenjazzjonijiet immiraw il-pajjiżi ta’ koeżjoni.

Barra minn hekk, fejn rilevanti, is-sejbiet tal-istudju tal-analiżi tan-nuqqasijiet tas-suq ittieħdu mill-Kumitat ta’ Koordinazzjoni f’għadd ta’ oqsma ewlenin. Dan kien jinkludi approċċ immirat għal attivitajiet bħall-kooperazzjoni mal-NPBIs u l-lokalizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni tal-EIAH, u fil-provvediment ta’ kopertura fuq il-post permezz tal-iskjerament tal-persunal tal-BEI kif rilevanti.

Madankollu, skont ir-Regolament tal-FEIS, mhux l-attivitajiet kollha tal-EIAH jista’ jkollhom impatt dirett u li jista’ jitkejjel fuq il-ġenerazzjoni tal-investiment. B’mod partikolari, l-EIAH jeħtieġ li jaġixxi wkoll bħala punt uniku ta’ dħul għal assistenza teknika biex jassisti lill-promoturi tal-proġetti, fejn xieraq, fl-iżvilupp tal-proġetti tagħhom, billi jingrana l-għarfien lokali, jipprovdi pjattaforma għall-iskambju u l-kondiviżjoni ta’ kompetenzi bejn il-pari u jipprovdi pariri dwar il-pjattaformi ta’ investiment.

30. Huwa importanti li jiġi indikat ir-rwol kritiku tal-konsulenti tal-EIAH u esperti oħra tal-BEI meta jagħmlu l-iskrinjar tat-talbiet li jirċievu. Il-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-FEIS huma ċari biżżejjed u applikati b’mod konsistenti meta jiġu vvalutati dawn it-talbiet mingħajr il-ħtieġa ta’ lista ta’ kontroll jew ta’ politika ta’ eliġibbiltà formali.

Kull kompitu għandu l-ispeċifiċità u ċ-ċirkostanzi tiegħu li jeħtieġu valutazzjoni olistika biex tiġi evalwata l-adegwatezza tagħhom għall-appoġġ tal-EIAH. Dan jinkludi wkoll analiżi tal-kumplimentarjetà u l-eliġibilità possibbli tagħhom taħt programmi konsultattivi oħra tal-UE.

It-tielet inċiż: L-Artikolu 14(1) tar-Regolament dwar il-FEIS jiddikjara li l-EIAH għandu jkollu bħala l-għan tiegħu l-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-iżvilupp ta’ proġetti ta’ investiment. Għalhekk huwa importanti li jittieħed kont li ċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett ta’ proġett ta’ investiment jitkejjel fi snin, b’mod partikolari fil-qafas aktar kumpless tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-settur pubbliku, bi stadji differenti li jeħtieġ li jiġu kkonsolidati qabel ma l-proġett jilħaq l-implimentazzjoni (li jirrikjedi finanzjament) u użu bħala investiment reali.

Li jkun hemm kriterju ta’ eliġibbiltà strett ibbażat fuq l-istadju tal-proġett potenzjalment jirriżulta fl-EIAH li jwettaq biss kompiti ta’ konsulenza tal-aħħar fażi. Dan jista’ jillimita b’mod sinifikanti l-kapaċità tal-EIAH li jkollu kwalunkwe intervent sinifikanti, spiss meqjus importanti, fil-livell upstream. F’dan il-każ, proġetti taħt l-istadji ta’ identifikazzjoni u preparazzjoni, jew assenjamenti għal riżultati fit-tul bħall-PPPs jew il-Pjattaformi ta’ Investiment ma jistgħux ikunu eliġibbli u għalhekk, mhux l-objettivi kollha tar-Regolament dwar il-FEIS ikunu ssodisfati. L-EIAH kien attiv f’dawn l-oqsma, u fil-fatt huwa f’dawn iċ-ċirkostanzi li “l-impatt” f’termini tal-provvista ta’ proġetti ta’ investiment se jiġi rikonoxxut f’perjodu ta’ żmien itwal minn dak kopert mill-verifika.

Bl-istess mod, il-kriterju ta' eliġibbiltà bbażat fuq id-daqs tal-investiment se jillimita l-intervent tal-EIAH lil ċerti segmenti tal-promotur ta' proġett prijoritarju u oqsma/setturi (eż. l-SMEs).

Ir-raba' inċiż: L-EIAH huwa marbut bir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament dwar il-FEIS u bil-prijoritajiet tal-UE identifikati mill-koleġiżlaturi. Il-prijoritajiet ġeografiċi u settorjali identifikati fi studju tas-suq imwettaq minn fornitur estern tas-servizzi huma ta' natura indikattiva u ma għandhomx l-istess valur bħar-Regolament dwar il-FEIS.

Wara r-raġunament tal-FEIS, l-EIAH ġie stabbilit bħala inizjattiva mmexxija mid-domanda biex tkopri l-ħtiġijiet konsultattivi mhux issodisfati u kellha tikkunsidra t-talbiet kollha f'konformità mar-Regolament dwar il-FEIS. It-talbiet ta' konsulenza kollha trattati fil-fatt kienu konformi mal-prijoritajiet tar-Regolament tal-EIAH, kif assigurat mill-proċeduri ta' skrinjar tal-EIAH.

Minkejja dan, l-EIAH kompla l-isforzi tiegħu biex jikseb diversifikazzjoni settorjali u ġeografika permezz ta' sensibilizzazzjoni, bini ta' kapaċità u servizzi ta' konsulenza dwar proġetti u strumenti finanzjarji. B'mod partikolari, l-EIAH ta prijorità lill-appoġġ għall-pajjiżi ta' koeżjoni, l-iskjerament ta' servizzi konsultattivi ġodda (skont il-FEIS 2.0) u żieda fil-kooperazzjoni mal-NPBs.

L-EIAH dejjem qies l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri bi swieq finanzjarji inqas żviluppati, kif ukoll is-sitwazzjoni f'setturi differenti. Għal din ir-raġuni, kmieni fl-istabbiliment tal-EIAH, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-EIAH qabel li jappoġġa speċifikament lill-pajjiżi ta' koeżjoni u lis-setturi prijoritarji kif definit fil-Programm ta' Ħidma tal-EIAH. F'termini ta' kopertura ġeografika, sal-aħħar tal-2018, 65% tal-assenjazzjonijiet immiraw il-pajjiżi ta' koeżjoni. Barra minn hekk, l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-persunal segwiet mill-qrib il-prijoritajiet stabbiliti fir-Regolament tal-FEIS.

31. L-ewwel inċiż: Il-proċeduri tal-EIAH jeħtieġu li proċedura ta' skrinjar tivvaluta b'mod sistematiku l-addizzjonalità ta' kompiti potenzjali. Grupp ta' skrinjar tal-EIAH jiddiskuti l-assenjamenti kollha qabel ma dawn jipproċedu u jinkludi rappreżentanti għall-mandati konsultattivi tal-UE l-oħra (inkluż JASPERS, ELENA, InnovFin Advisory, eċċ.).

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li din ir-raġuni ta' addizzjonalità ma ġietx irreġistrata b'mod sistematiku fid-deskrizzjonijiet kollha ta' assenjamenti.

32. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 15 u 28-31.

33. L-ewwel inċiż: L-addizzjonalità hija definita fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-FEIS fejn l-EIAH huwa mitlub biex "*jipprovdi servizzi flimkien ma' dawk diġà disponibbli taħt programmi oħra tal-Unjoni*".

Barra minn hekk, il-fatt li jkun hemm tali għarfien espert disponibbli fis-suq u pprovdut minn sorsi ta' konsulenza pubbliċi u privati oħra ma jfissirx li dawk li jagħmlu t-talba ta' tali parir dejjem ikollhom aċċess xieraq għal tali kompetenza, minħabba l-ispejjeż, il-periferiċità, il-fehim jew ostakoli oħra bħal dawn.

35. Il-BEI jikkunsidra li ġie pprovdut appoġġ tal-EIAH biex jgħin jidentifika jew iħejji proġetti għall-finanzjament tal-FEIS f'kull wieħed mit-28 każ, u irrispettivament minn kif

imbagħad jiġu evalwati, approvati u nnegozjati kuntrattwalment mill-BEI, bħala proċess separat/indipendenti (u li huwa lil hinn mill-kontroll u l-influwenza tal-EIAH).

Ir-Regolament FEIS 2.0 adottat f'Diċembru 2017 poġġa enfasi addizzjonali fuq l-appoġġ tal-EIAH biex, fejn possibbli, jikkontribwixxi b'mod attiv għad-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-FEIS. Jekk wieħed jistenna li l-appoġġ tal-EIAH għall-proġetti tal-FEIS għandu jkun diġà rriżulta f'approvazzjonijiet tal-FEIS f'perjodu ta' rieżami tal-awditjar ta' 12-il xahar, ma jkun qed iqis in-natura tal-attivitajiet ta' konsulenza. Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett ta' investiment, mill-kunċett inizjali sal-fattibbiltà u l-preparazzjoni normalment jitkejjel fi snin, bi stadji differenti li jeħtieġ jiġu indirizzati, appoġġati, u deċiżi qabel ma l-proġett jilħaq maturità suffiċjenti biex jiġi kkunsidrat għall-finanzjament. Dawn il-fatturi għandhom jitqiesu meta jsir kalkolu li mbagħad iqabbel in-numru tal-assenjazzjonijiet tal-EIAH li diġà laħqu l-istadju ta' approvazzjoni, bin-numru totali ta' approvazzjonijiet tal-FEIS sa mill-bidu nett tal-inizjattiva (jiġifieri d-denominatur 1031). Barra minn hekk, l-EIAH ma jistax jinżamm responsabbli la għas-suċċess ta' proċess ta' approvazzjoni indipendenti u separat u lanqas għat-tul jew l-eżitu tal-proċess ta' negozjati kuntrattwali, li jistgħu jew ma jistgħux jintemmu fi ftehim dwar it-termini għall-firma.

L-għadd ta' approvazzjonijiet, pereżempju, li nkisbu fl-2018 taħt it-Tieqa tal-Infrastrutturi u l-Innovazzjoni tal-BEI kien biss ta' 161 — xi ħaġa, li l-BEI jikkunsidra bħala indikatur aħjar għat-tqabbil.

Għalhekk, il-Kummissjoni u l-BEI jikkunsidraw li l-EIAH ikkontribwixxa għall-pipeline tal-FEIS, speċjalment meta jitqies il-perjodu relattivament qasir li kellu biex jagħmel dan (jiġifieri matul il-perjodu ta' rieżami tal-awditjar).

36. Huwa preċiżament f'dawn iż-żewġ żoni ta' pjattaformi ta' investiment u ta' sħubijiet pubbliċi-privati (PPP), fost l-oħrajn, li parir bikri upstream tant huwa kruċjali għas-suċċess aħħari ta' proġett (li jkun il-pjattaforma jew PPP) aktar tard. Disinn ta' pjattaforma ta' investiment li, pereżempju, ma jqisx kwistjonijiet bħall-għajnuna mill-istat, il-governanza u l-kriterji tal-għażla tal-maniġer tal-fond — elementi li jeħtieġ li kollha jitqiesu fi stadju bikri tal-proċess — jistgħu jirriżultaw fi sfidi sinifikanti aktar tard matul l-implimentazzjoni.

43. L-EIAH kien involut f'attivitajiet ta' kooperazzjoni ma' aktar minn 40 istituzzjoni, u tabilħaqq irnexxielu jiffirma 25 MtQ matul il-perjodu ta' awditjar ma' NPBIs f'20 Stat Membru. Mit-tmienja li jifdal, ir-Rumanija u l-Greċja biss kienu kkunsidrati bħala Stati Membri ta' prijorità biex jiġu mmirati u tabilħaqq l-isforzi tal-EIAH biex jintlaħqu dawn il-pajjiżi kellhom xi riżultati. Matul il-perjodu ta' awditjar, l-EIAH impenja ruħu mad-Direttorat Ġenerali REFORM tal-Kummissjoni biex jassisti lir-Rumanija biex toħloq NPBI u fil-Greċja. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra li fadal fejn ma ġie ffirmat l-ebda MtQ, l-NPBI kkonċernat ma indikax, matul il-perijodu ta' verifika, interess f'kooperazzjoni formalizzata. L-NPBIs sħab ġew mistiedna kollha għall-avvenimenti li saru madwar l-UE "EIAH Days" u li jsiru mill-inqas darba fis-sena, kif ukoll avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni aktar iffukati u sessjonijiet ta' ħidma reġjonali għall-bini tal-kapaċità matul il-perjodu. Il-feedback li wasal mingħand l-NPBIs parteċipanti kien ġeneralment pożittiv.

51. Objettiv ewlieni tal-EIAH kien li jappoġġja t-tħejjija ta' proġett ta' investiment. Ir-Regolament FEIS 2.0 adottat f'Diċembru 2017 poġġa enfasi addizzjonali fuq l-appoġġ tal-EIAH biex, fejn possibbli, jikkontribwixxi b'mod attiv għad-diversifikazzjoni settorjali u ġeografika tal-FEIS.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

60. It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 60 u 61.

Skont ir-Regolament tal-FEIS, l-EIAH ġie stabbilit biex iwettaq diversi kompiti, inkluż li jaġixxi bħala "*punt uniku ta' dħul għal mistoqsijiet relatati mal-assistenza teknika*". Huwa xprunat mid-domanda u jrid jikkunsidra t-talbiet kollha skont ir-Regolament tal-FEIS, inkluż talbiet għal appoġġ upstream. It-talbiet ta' konsulenza kollha trattati fil-fatt kienu konformi mal-prijoritajiet tar-Regolament tal-FEIS stabbiliti għall-EIAH.

Il-Kummissjoni u l-BEI iqisu li l-EIAH jipprovdi appoġġ siewi biex tingħata spinta lill-investiment fil-proġetti madwar l-Unjoni. L-EIAH għamel sforzi sinifikanti biex jikseb diversifikazzjoni aħjar b'mod partikolari, bl-objettiv li tingħata prijorità lill-appoġġ għall-pajjiżi ta' koeżjoni, u li tiżdied il-kooperazzjoni mal-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali (NPBIs).

Barra minn hekk, l-appoġġ tal-EIAH għandu jinftiehem f'kuntest usa' peress li ċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett ta' investiment jitkejjel fi snin, b'mod partikolari fil-qafas aktar kumpless tat-teħid tad-deċiżjonijiet tas-settur pubbliku, bi stadji differenti li jeħtieġ li jiġu kkonsolidati qabel ma l-proġett jilħaq l-implimentazzjoni (li jirrikjedi finanzjament) u użu bħala investiment reali. Il-Kummissjoni u l-BEI jikkunsidraw li għadu kmieni wisq biex wieħed jara l-impatt reali fuq l-investiment sa tmiem l-2018, u l-prestazzjoni tal-2019 diġà turi stampa differenti.

Rakkomandazzjoni1 - Il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru

Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni. L-EIAH beda jimplimentaha.

62. L-addizzjonalità hija definita fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-FEIS fejn l-EIAH huwa mitlub biex "*jipprovdi servizzi flimkien ma' dawk diġà disponibbli taħt programmi oħra tal-Unjoni*". Barra minn hekk, il-fatt li jkun hemm tali għarfien espert disponibbli fis-suq u pprovdut minn sorsi ta' konsulenza pubbliċi u privati oħra ma jfissirx li dawk li jagħmlu t-talba ta' tali parir dejjem ikollhom aċċess xieraq għal tali kompetenza, minħabba l-ispejjeż, il-periferiċità, il-fehim jew ostakoli oħra bħal dawn.

Sa tmiem l-2018, 55 assenjazzjoni akbar tal-EIAH (jiġifieri esklużi inkarigi umbrella) li jappoġġaw proġetti bi spiża ta' investiment mistennija ta' EUR 14-il biljun kienu fil-pipeline ta' self tal-BEI. 28 minn dawn kienu proġetti ta' appoġġ li potenzjalment kienu eliġibbli għall-garanzija tal-FEIS. Is-sitwazzjoni fl-2019, wara l-awditu tal-QEA, diġà turi titjib sinifikanti, li jappoġġa l-pożizzjoni li se jkun meħtieġ perjodu twil biżżejjed biex jiġi vvalutat b'mod preċiż l-impatt tal-attività tal-EIAH lejn il-ġenerazzjoni ta' sensiela ta' proġetti robusti, u b'mod partikolari taħt il-FEIS.

Rakkomandazzjoni 2- Immirar aħjar ta' appoġġ lejn il-prijoritajiet

(i) Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni.

(ii) Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni.

(iii) Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni. L-EIAH beda jimplimentaha.

Rakkomandazzjoni 3— Titjib tal-kejl tal-prestazzjoni

(Ii) Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni.

(ii) Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni.

(iii) Il-Kummissjoni u l-BEI, fir-rwol tiegħu bħala aġent ta' implimentazzjoni tal-EIAH, jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni.

Rakkomandazzjoni4 — L-inkorporazzjoni ta' lezzjonijiet mitgħallma miċ-Ċentru, fiċ-ċentru ta' konsulenza tal-InvestEU

(i) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

(ii) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

(iii) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

(iv) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

(v) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

(vi) Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Awditjar, Finanzjament u amministrazzjoni tal-UE, li hija mmexxija minn Tony Murphy, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Florence Fornaroli, Kap tal-Kabinett u Celil Ishik, Attaché tal-Kabinett; James Mcquade, Assistent għad-Direttur; Ralph Otte, Maniġer Prinċipali; Felipe Andrés Miguélez, Kap tal-Kompitu; Aino Nyholm, Ilias Nikolakopoulos u Martin Puc, Awdituri.

B'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19 u l-kundizzjonijiet stretti ta' konfinament, ma seta' jittieħed l-ebda ritratt tat-tim tal-awditjar.

Kronoloġija

Avveniment	Data
Il-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda	5/12/2018
L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata)	28/1/2020
Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja	31/3/2020
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha	21/4/2020

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, pereżempju f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Figura 9: sfond tal-mappa ©OpenStreetMap kontributuri liċenzjati taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 (CC BY-SA).

Softwer jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

MT	PDF	ISBN 978-92-847-4667-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/482275	QJ-AB-20-010-MT-N
MT	HTML	ISBN 978-92-847-4629-3	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/88751	QJ-AB-20-010-MT-Q

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti ġie stabbilit fl-2015, flimkien mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa li huwa maħsub biex jagħti spinta lill-investiment. Iċ-Ċentru jappoġġa l-investiment billi jipprovdi servizzi ta' konsulenza lill-promoturi ta' proġetti flimkien ma' dawk li huma diġà disponibbli taħt programmi oħra tal-UE. Iċ-Ċentru jopera bħala sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-baġit tal-UE jkopri 75 % tal-baġit annwali taċ-Ċentru, jiġifieri sa EUR 110 miljun fil-perjodu 2015-2020. Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet tagħna dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru, mit-tnedija tiegħu sa Diċembru 2018. Aħna nikkonkludu li, sa tmiem l-2018, iċ-Ċentru kien għadu ma tax prova li huwa għodda effettiva biex tingħata spinta lill-investiment u aħna nipprovdu rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-prestazzjoni tiegħu u biex it-tagħlimiet li ttieħdu miċ-Ċentru jiġu inkorporati fiċ-Ċentru ta' Konsulenza l-ġdid tal-InvestEU li ġie propost taħt il-Programm InvestEU għall-perjodu 2021-2027.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors